II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1471

tat-18 ta' Awwissu 2021

li jemenda u jikkoreġi r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u (UE) 2020/2236 fir-rigward tar-referenzi għal miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi u għal listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali u oġġetti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 168(4), 213(2), 224(4), 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90 u l-Artikolu 126(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([3]) u (UE) 2020/2236 ([4]) jistabbilixxu mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali meħtieġa biex jakkumpanjaw il-konsenji ta' annimali u oġġetti li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jidħlu fl-Unjoni. Il-verżjonijiet ippubblikati tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u (UE) 2020/2236 fihom xi żbalji ovvji u ommissjonijiet mhux intenzjonati. Jenħtieġ li dawn l-iżbalji u l-ommissjonijiet jiġu kkoreġuti u jiġu introdotti bidliet permezz tal-emendar tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u (UE) 2020/2236 kif xieraq.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2236 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni u għall-movimenti fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali akkwatiċi u ta' ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali akkwatiċi, taċ-ċertifikazzjoni uffiċjali rigward tali ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 410).

(2) L-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jistabbilixxi l-mudell tal-attestazzjoni privata meħtieġa biex takkumpanja l-konsenji ta' prodotti komposti li jistgħu jinħażnu f'temperatura ambjentali li ma fihom l-ebda laħam ipproċessat ieħor għajr il-ġelatina, il-kollaġen jew prodotti raffinati ħafna, fil-mument tad-dħul fl-Unjoni, jew fil-mument tat-tqegħid tagħhom fis-suq. Din l-attestazzjoni teħtieġ li l-importatur jindika l-perċentwal ta' kull ingredjent ta' oriġini mill-pjanti u ta' prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali li jinsabu fil-prodotti komposti. Din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa għall-kontroll ta' prodotti komposti, li m'għadux ibbażat fuq l-ammont ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali li jkun fihom. Barra minn hekk, tista' tipperikola l-kunfidenzjalità tar-riċetti. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-rekwiżit jiġi emendat.

(3) Skont l-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429, il-Kummissjoni trid tapprova u, jekk ikun meħtieġ, temenda l-miżuri nazzjonali li għandhom l-għan li jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard tal-annimali akkwatiċi, fejn tali miżuri nazzjonali jistgħu jaffettwaw il-movimenti ta' annimali akkwatiċi u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi fl-Unjoni. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 ([5]) tapprova tali miżuri nazzjonali. Għalhekk, ir-referenzi fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għall-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'referenzi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260. L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([6]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti ta' oriġini mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, ir-referenzi għal-listi ta' pajjiżi terzi u territorji adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 230(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'referenzi għal-listi rilevanti ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. L-Anness II u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u l-Annessi II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([7]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625. Għalhekk, ir-referenzi għal-listi ta' ta' pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) 2017/625 fiċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u fiċ-ċertifikati uffiċjali jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'referenzi għal-listi rilevanti ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. L-Annessi II, III u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(6) Għalhekk, l-Annessi I, II, III u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 u l-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I, II, III u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huma emendati f'konformità mal-Parti 1 tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

Artikolu 2

L-Annessi I u II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2236 huma emendati f'konformità mal-Parti 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

KANNESS

PARTI 1

L-Annessi I, II, III u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness I, fil-Kapitolu 4, il-kaxxa I.20 hija sostitwita b'dan li ġej:

"I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**
	Aġġżel l-iskop tal-moviment tal-annimali, l-użu maħsub tal-merkanzija jew il-kategorija kif speċifikata fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni: Għalf: tikkonċerna biss il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba għall-għalf tal-annimali tar-razzett kif imsemmija fl-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A]. Ikel għall-annimali domestiċi: tikkonċerna biss il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba għall-użu bħala ikel għall-annimali domestiċi jew għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija: tikkonċerna ċerti prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati kif imsemmi fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Użu tekniku: prodotti sekondarji tal-annimali jew prodotti derivati li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, kif imsemmi fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Użu farmaċewtiku: prodotti sekondarji tal-annimali li mhumiex tajbin għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali, kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Kampjuni tal-kummerċ: kif iddefinit fil-punt 39 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 [B]. Esibizzjoni: tikkonċerna annimali maħsuba għal esibizzjoni u għal avvenimenti sportivi, kulturali jew simili jew oġġetti għall-wiri kif iddefinit fil-punt 34 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 142/2011. Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned: tikkonċerna l-prodotti għall-konsum mill-bniedem, (pereżempju t-tonn) speċifikament maħsuba biss għall-industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned. Prodotti għall-konsum mill-bniedem: tikkonċerna biss il-prodotti ta' oriġini mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, ċertifikat uffiċjali jew ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali. Ipproċessar ulterjuri: tikkonċerna l-prodotti li jridu jiġu pproċessati aktar qabel ma jitqiegħdu fis-suq kif ukoll l-annimali akkwatiċi ħajjin u l-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (52) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

[A] Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

[B] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

	Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem: annimali akkwatiċi maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem, jiġifieri annimali akkwatiċi li jitwasslu lill-konsumatur finali ħajjin jew ikkonsmati ħajjin. Stabbiliment konfinat: kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (48) tar-Regolament (UE) 2016/429. Stabbiliment ta' kwarantina: kif previst fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 [C] fir-rigward tal-annimali terrestri u fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 [D] fir-rigward tal-annimali tal-akkwakultura. Ċirklu li jivvjaġġa/spettakli tal-annimali: kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punti (34) u (35), rispettivament, tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035. Ħelsien fl-ambjent naturali: tikkonċerna biss annimali ħajjin, li għandhom jinħelsu fl-ambjent naturali fil-post tad-destinazzjoni. Annimal ekwin reġistrat: kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (30) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035. Żamma aktar fit-tul: annimali maħsuba għal stabbilimenti li jżommu annimali ħajjin jew għal dawk li jżommu l-annimali domestiċi, ħlief jekk ikunu japplikaw għalihom skop jew kategorija aktar speċifiċi minn I.20 (eż. stabbilimenti ta' kwarantina, konfinati eċċ.). Tinkludi wkoll annimali, li huma maħsuba sabiex jerġgħu jibnu l-istokk ta' provvisti ta' annimali tal-kaċċa jew sabiex jinħelsu fl-ambjent naturali, jekk dawk ikunu maħsuba biex jgħaddu minn stabbiliment qabel ma jinħelsu. Ċentru ta' purifikazzjoni: kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691. Ċentru ta' dispaċċ: kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691. Żona fejn jinżammu l-molluski: kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (4) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691. Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali: kif previst fl-Artikolu 17 jew fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/691. Tbiċċir: għal annimali maħsubin għall-biċċerija, jew direttament jew permezz ta' stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Prodotti ġerminali: kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (28) tar-Regolament (UE) 2016/429. Oħrajn: maħsuba għal skopijiet mhux elenkati band'oħra f'din il-klassifikazzjoni, inklużi annimali akkwatiċi maħsuba għal lixka tas-sajd."

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Anness II fih il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u l-mudell taċ-ċertifikat uffiċjali li ġejjin:";

[C] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 115).

[D] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

(b) Il-Kapitolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU 1

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦALL-MOVIMENT FL-UNJONI TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI, LI JISTGĦU JIĠU TTRASPORTATI MINN ŻONA RISTRETTA SOĠĠETTA GĦAL MIŻURI TA' EMERĠENZA JEW GĦAL MIŻURI TA' KONTROLL TAL-MARD JEW JORIĠINAW MINN ANNIMALI TA' SPEĊIJIET SOĠĠETTI GĦAL DAWK IL-MIŻURI (MUDELL INTRA-EMERGENCY)

L-UNJONI EWROPEA						**INTRA**
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2** **I.2a** **I.3** **I.4**	**Referenza tal-IMSOC** **Referenza lokali** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** **Awtorità Kompetenti Lokali**	**KODIĊI QR**
	I.5	**Konsenjatarju** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur li jwettaq operazzjonijiet ta' assemblaġġ indipendentement minn stabbiliment** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-reġistrazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**	Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Bastiment □ Ferrovija Identifikazzjoni Dokument	□ Inġenju tal-ajru □ Vettura tat-triq □ Oħrajn	**I.16** **I.17**	**Trasportatur** Isem Indirizz Pajjiż **Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Awtorizzazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessħa	□ Iffriżati	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur	Nru tas-siġill			

I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**		
□ Żamma aktar fit-tul	□ Tbiċċir	□ Stabbiliment konfinat	□ Prodotti ġerminali
□ Annimal ekwin irreġistrat	□ Ċirklu li jivvjaġġa/spettaklu tal-annimali	□ Esibizzjoni	□ Avveniment jew attività qrib il-fruntieri
□ Ħelsien fl-ambjent naturali	□ Ċentru ta' dispaċċ	□ Żona fejn jinżammu l-molluski/ċentru ta' purifikazzjoni	□ Stabbiliment tal-akkwakultura ornamentali
□ Ipproċessar ulterjuri	□ Fertilizzanti organiċi u tejjieba tal-ħamrija	□ Użu tekniku	□ Stabbiliment ta' kwarantina jew simili
□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem	□ Dakkir	□ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem	□ Oħrajn

I.21	□ **Għal tranżitu permezz ta' pajjiż terz**	
	Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP
	Punt ta' dħul	Kodiċi BCP

I.22	□ **Għat-tranżitu minn Stat(i) Membru/i**		**I.23**	□ **Għall-esportazzjoni**	
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż		Punt ta' ħruġ	Kodiċi BCP
	Stat Membru	Kodiċi ISO tal-pajjiż			

I.24	**Ħin mistenni tal-ivvjaġġar**		**I.25**	**Reġistru tal-vjaġġ**	□ iva □ le
I.26	**Għadd totali ta' pakketti**		**I.27**	**Kwantità totali**	
I.28	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**		**I.29**	**Spazju totali previst għall-kunsinna**	

I.30 Deskrizzjoni tal-kunsinna

Kodiċi NM	Speċi	Subspeċi/Kategorija	Sess	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Età	Kwantità Tip
Reġjun tal-oriġini		Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti		Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	Test	

L-UNJONI EWROPEA **Mudell taċ-ċertifikat INTRA-EMERGENCY**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	**II.a** **Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b** **Referenza tal-IMSOC**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li l-prodotti ta' oriġini mill-annimali deskritti fil-Parti I:

II.1. jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fi ……...[(1)],

II.2. li jikkonċernaw miżuri għall-kontroll tal-mard kontra ……[(2)],

[(3)][II.3. u, b'mod partikolari, huma ……..[(4)].]

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali huwa maħsub għall-movimenti ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali prodotti jew ipproċessati fi stabbilimenti, negozji tal-ikel jew żoni soġġetti għal miżuri ta' emerġenza jew restrizzjonijiet tal-moviment kif imsemmi fl-Artikolu 166(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 [A] u f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2154 [B].

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 2 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti II:

(1) Daħħal ir-referenza speċifika tal-artikolu/i, it-titolu, in-numru u d-data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-att(i) legali rilevanti adottat(i) mill-Kummissjoni li jipprovdi/u dawk il-kundizzjonijiet jew l-att(i) legali jew l-istruzzjoni(jiet) approvata/i u ppubblikata/i mill-awtorità kompetenti li tipprovdi dawk il-kundizzjonijiet.

(2) Daħħal l-isem tal-mard(a) elenkat(a) rilevanti.

(3) Żomm kif meħtieġ.

(4) Daħħal l-attestazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi ta' konformità mar-rekwiżiti meħtieġa previsti fl-att(i) legali rilevanti adottat(i) mill-Kummissjoni u msemmi(ja) fil-punt II.1. li jistabbilixxi/u miżuri speċjali għall-kontroll tal-mard għall-mard(a) elenkat(a) imsemmija fil-punt II.2 f'konformità mal-Artikolu 166(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, fejn mitlub b'mod speċifiku minn dawk l-atti legali.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)	Kwalifika u titolu
Isem l-Unità Lokali ta' Kontroll	Kodiċi tal-Unità Lokali ta' Kontroll
Data	
Timbru	Firma

”;

[A] Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

[B] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2154 tal-14 ta' Ottubru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni u ta' notifika dwar is-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' prodotti ġejjin mill-annimali terrestri (ĠU L 431, 21.12.2020, p. 5).

(3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel sentenza tal-Anness III hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-Anness III fih il-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali u l-mudell taċ-ċertifikati uffiċjali li ġejjin għad-dħul fl-Unjoni:";

(b) Il-Kapitoli 1 sa 13 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"KAPITOLU 1

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, ESKLUŻ LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TA' ANNIMALI BOVINI DOMESTIĊI (MUDELL BOV)

<table>
<tr><td colspan="3">PAJJIŻ</td><td colspan="3">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="6">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td>Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="3">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td>Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td>Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td>Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td>Post tad-dispaċċ
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td>Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td></td><td>I.15</td><td>Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="2">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.17</td><td colspan="2">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td></td><td>I.18</td><td>Kundizzjonijiet tat-trasport □ Ambjentali □ Imkessħa □ Iffriżati</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td></td><td>I.19</td><td>Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td></td><td>I.20</td><td>Ċertifikat bħala jew għal
□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td></td><td>I.21</td><td>□ Għat-tranżitu
Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22</td><td colspan="2">□ Għas-suq intern
I.23</td></tr>
</table>

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam frisk]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [C], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [D] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk [(2)] ta' annimali bovini domestiċi (inkluż l-ispeċijiet Bison u Bubalus u r-razez inkroċjati tagħhom) deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. il-[laħam] [laħam ikkapuljat][(1)] ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

II.1.2. il-laħam inkiseb f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

([1]) II.1.3. [il-laħam ikkapuljat ġie prodott f'konformità mat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ffriżat għal temperatura interna ta' mhux aktar minn - 18 °C;]

II.1.4. il-laħam instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 19, 24, 29, 30, 33 sa 35, 37 u 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

II.1.5. ([1]) *jew* [il-karkassa jew il-partijiet tal-karkassa ġew immarkati b'marka tas-sanità f'konformità mal-Artikolu 48 u mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;]

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

B Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

C Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

D Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

	([1]) *jew* [il-pakketti ta' [laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]
	II.1.6. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [E];
	II.1.7. il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;
	II.1.8. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [I].
	II.1.9. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsimiet I u V rispettivament tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
	II.1.10. fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE):
	([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE [J] bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u
	([1]) *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;]
	([1]) *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u:
	([1]) *jew* [(i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

E Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

F Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

G Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

H Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

I Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

J Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

	([1]) *jew* [(i) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1.(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluża l-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [K] ([3]);] (ii) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;] ([1]) *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u: ([1]) *jew* [(i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;] ([1]) *jew* [(i) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluża l-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ([3]);] (ii) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;] (iii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali [L];

[K] Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-frat u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

[L] https://www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

	(iv) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]] ([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u (a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; u ([1]) *jew* [(b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;] ([1]) *jew* [(b) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluża l-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ([3]);]] ([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini ma ġiex ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE jew huwa kklassifikat bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u (a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat: (i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali; ([1]) *jew* [(b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

([1]) *jew* [(b) il-karkassi, in-nofs karkassi jew in-nofs karkassi maqtugħa f'mhux aktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u l-kwarti ma fihom l-ebda materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 għajr il-kolonna vertebrali, inkluża l-gangliju tal-għerq dorsali, u l-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi ta' annimali ta' aktar minn 30 xahar u li fihom kolonna vertebrali huma identifikati bi strixxa ħamra viżibbli b'mod ċar fuq it-tikketta msemmija fl-Artikolu 13 jew 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 ([3]);]

(c) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhuwiex derivat minn tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar.]

([4]) [II.1.11. jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 [M].]

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-**laħam frisk** deskritt fil-Parti I:

II.2.1. inkiseb miż-**żona/i** bil-kodiċi/jiet: ……([5]) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' **laħam frisk ta' annimali bovini** u elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [N] u:

(a) fejn ma ġietx irrapportata infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda; u

(1) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda.]

(1)(6) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ___/___/____ (jj/xx/ssss).]

(1)(7) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk u qed isir programm ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'annimali bovini miżmuma taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju.]

(1)(8) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk u qed isir programm ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'annimali bovini miżmuma taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju; din is-superviżjoni tinkludi l-kontroll tal-effikaċja tal-programm ta' tilqim permezz ta' sorveljanza seroloġika regolari li tindika l-livelli adegwati ta' antikorpi fl-annimali u li turi l-assenza taċ-ċirkulazzjoni tal-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fiż-żona.]

M Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 tal-14 ta' Ottubru 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 17)

N Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

	(1)(9) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda u l-assenza tal-marda hija kkontrollata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju permezz ta' sorveljanza seroloġika regolari li turi n-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer.] II.2.2. inkiseb minn **annimali** li: (1) *jew* [baqgħu fiż-żona/i msemmija fil-punt II.2.1. sa mit-twelid, jew għal tal-anqas 3 xhur qabel it-tbiċċir.] (1) *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____(jj/xx/ssss) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1., miż-żona bil-kodiċi ___ - __ (5) li f'dik id-data kienet awtorizzata għad-dħul ta' laħam frisk ta' annimali bovini fl-Unjoni u fejn baqgħu sa minn twelidhom, jew għal tal-anqas 3 xhur qabel it-tbiċċir.] (1) *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1., mill-Istat Membru bil-kodiċi ISO _____.] II.2.3. inkiseb minn annimali li ġejjin minn **stabbilimenti**: (a) irreġistrati minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 O; (b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta' sinjali, u ta' informazzjoni dwar sinjali, li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti; (c) li ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u mard emerġenti, fil-ħin tad-dispaċċ lejn il-biċċerija; (d) li fihom l-ebda annimal miżmum fihom ma tlaqqam kontra [l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u](10) l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina; (1) jew [(e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir;] (1)(7) *jew* [(e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 25 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tbiċċir;]

O Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

	(1)(9) *jew* [(e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir;] (1)(7) *jew* [(f) li fihom l-annimali baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-dispaċċ dirett lejn biċċerija.] (1)(7)(11) *jew* [(f)li fihom l-annimali baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel ma ngħaddew minn ċentru tal-assemblaġġ wieħed approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 20(2), il-punt (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx qabel id-dispaċċ dirett lejn biċċerija;] (1)(12) [(g) li fiha: (i) ma ġew introdotti ebda annimali matul l-aħħar 3 xhur minn żoni li mhumiex awtorizzati li jdaħħlu laħam frisk ta' annimali bovini fl-Unjoni; (ii) l-annimali huma identifikati u rreġistrati fis-Sistema ta' Identifikazzjoni nazzjonali u Ċertifikazzjoni ta' Oriġini għall-annimali bovini; (h) elenkati bħala stabbilimenti approvati, wara l-eżitu favorevoli ta' spezzjoni mwettqa mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju li ġie rifless f'rapport uffiċjali fl-IMSOC, u spezzjonati regolarment mill-awtorità kompetenti sabiex jiġi żgurat li tinżamm konformità mar-rekwiżiti rilevanti previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692.] II.2.4. inkiseb **minn annimali** li: (a) intbagħtu mill-istabbiliment ta' oriġini tagħhom lejn biċċerija f'mezz tat-trasport: (i) li huwa mibni b'tali mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu minnu; (ii) li fih ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali; (iii) li minnu ma jitħalliex iseħħ jew jiġi minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, ta' mifrex jew ta' għalf tal-annimali, u (iv) li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju immedjatament qabel it-trasportazzjoni tal-annimali mingħajr kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti II.2.1, II.2.2 u II.2.3; (b) matul it-trasport lejn il-biċċerija l-annimali ma għaddewx minn pajjiż terz jew minn territorju jew żona tiegħu li mhumiex elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali bovini u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx; (c) tbiċċru [[fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)](1)[bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____ (jj/xx/ssss)](1)](13); (d) ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx matul it-tbiċċir tagħhom;

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

(1)(12) [(e) fil-biċċerija nżammu kompletament separati minn annimali li l-laħam tagħhom mhux maħsub għall-Unjoni qabel it-tbiċċir.]

II.2.5. inkiseb f'biċċerija li fiha u madwarha, fi ħdan raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.2.1. ma ġiet irrapportata matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali.

II.2.6. ġie segregat b'mod strett minn laħam frisk li ma jikkonformax mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali bovini matul l-operazzjonijiet tat-tbiċċir, tal-qtugħ u sakemm:

(1) *jew* [ġie imballat għal ħżin ulterjuri.]

(1) *jew* [tgħabba, bħala laħam frisk mhux imballat, fuq il-mezz tat-trasport għad-dispaċċ lejn l-Unjoni.]

(1) [II.2.7. ikun **laħam frisk dissussat, għajr il-ġewwieni**, miksub minn karkassi:

(1)(7) [(i) li fihom tneħħew il-limfonodi aċċessibbli ewlenin; (ii) li ġew sottomessi għall-maturazzjoni f'temperatura ogħla minn +2 °C għal tal-inqas 24 siegħa qabel ma tneħħa l-għadam; u (iii) li fihom il-valur pH tal-laħam kien anqas minn 6.0 meta ttestjat elettronikament fin-nofs tal-muskolu *longissimus-dorsi* wara l-maturazzjoni u qabel id-dissussar.]

(1)(14) [(i) li fihom tneħħew il-limfonodi aċċessibbli ewlenin; u (ii) li ġew sottomessi għall-maturazzjoni f'temperatura ogħla minn +2 °C għal tal-inqas 24 siegħa qabel ma tneħħa l-għadam.]]

II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk u ta' laħam ikkapuljat (kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) tal-annimali bovini domestiċi (kif iddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692), inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dan il-laħam frisk.

L-esklużjoni ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dan il-prodott ma jistax jiġi importat bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

Parti I

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS): 02.01, 02.02, 02.06, 05.04 jew 15.02.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Natura tal-komodità*": Indika "karkassa-sħiħa", "karkassa-ġenb", "karkassa-kwarti" jew "qatgħat".

"*Tip ta' trattament*": Jekk xieraq, indika "dissussat", "bl-għadma" u/jew "immaturat". Jekk iffriżat, indika d-data tal-iffriżar (xx/ss) tal-qatgħat/biċċiet.

Parti II:

(1) Żomm kif meħtieġ.

(2) Laħam frisk kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(3) In-numru ta' karkassi bovini jew ta' qatgħat bl-ingrossa ta' karkassi, li minnhom hija meħtieġa t-tneħħija tal-kolonna vertebrali, għandu jiżdied mad-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) imsemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) 2017/625.

(4) Ħassar jekk il-kunsinna mhijiex maħsuba għad-dħul fil-Finlandja jew fl-Iżvezja.

(5) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Biss għal żoni b'data tal-ftuħ fil-kolonna 8 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(7) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(8) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Programm ta' tilqim ikkontrollat*" flimkien mal-entrata "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(9) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "Ma twettaq l-ebda tilqim" flimkien mal-annotazzjoni "Maturazzjoni, pH u dissussar" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat BOV**

	(10) Ħassar fil-każ ta' żoni bl-entrata marbuta ma' kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, fejn jitwettaq programm ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer bis-serotipi A, O jew C. (11) Biss għal żoni bl-entrata marbuta mal-garanziji għas-saħħa tal-annimali "*Ċentru ta' assemblaġġ*" fil-kolonna 6 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (12) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Traċċabilità addizzjonali*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (13) Data jew dati tat-tbiċċir. Dan il-laħam għandu jkun permess li jidħol fl-Unjoni biss jekk il-laħam ikun inkiseb minn annimali li tbiċċru wara d-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona/i msemmija taħt il-punt II.2.1. għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali bovini, jew waqt perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni ma' kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta' dan il-laħam minn din/dawn iż-żona/i, jew waqt perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta' din/dawn iż-żona/i għad-dħul fl-Unjoni ta' dan il-laħam ma kinitx sospiża. (14) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Il-laħam dissussat immaturat għandu jkun permess li jidħol fl-Unjoni biss 21 jum wara d-data tat-tbiċċir tal-annimali.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

KAPITOLU 2

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, ESKLUŻ LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TA' ANNIMALI OVINI U KAPRINI DOMESTIĊI (MUDELL OVI)

<table>
<tr><td colspan="3">PAJJIŻ</td><td colspan="4">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="3">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="2">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u hin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="2">Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="2">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.17</td><td colspan="2">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport □ Ambjentali □ Imkessħa □ Iffriżati</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="2">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="2">Ċertifikat bħala jew għal</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="2">□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="2">□ Għat-tranżitu
Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22</td><td colspan="2">□ Għas-suq intern</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.23</td><td colspan="2"></td></tr>
</table>

I.24 **Għadd totali ta' pakketti**	**I.25** **Kwantità totali**	**I.26** **Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27 **Deskrizzjoni tal-kunsinna**		

Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam frisk]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [C], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament(UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [D] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk(2) ta' annimali ovini u kaprini domestiċi (*Ovis aries u Capra hircus*) deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. il-[laħam] [laħam ikkapuljat](1) ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

([1]) II.1.2. il-laħam inkiseb f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

([1]) II.1.3. [il-laħam ikkapuljat ġie prodott f'konformità mat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ffriżat għal temperatura interna ta' mhux aktar minn - 18 °C;]

II.1.4. il-laħam instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 14, 16, 17, 20, 21, 24, 29, 33 sa 35, 37, 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

II.1.5. ([1]) *jew* [il-karkassa jew il-partijiet tal-karkassa ġew immarkati b'marka tas-sanità f'konformità mal-Artikolu 48 u mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;]

([1]) *jew* [il-pakketti ta' [laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

B Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

C Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

D Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

	II.1.6. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [E]; II.1.7. il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; II.1.8. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [I]. II.1.9. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsimiet I u V rispettivament tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; II.1.10. fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE): ([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE [J] bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u ([1]) *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;] ([1]) *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u: (i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

E Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

F Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

G Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

H Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

I Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

J Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

	(ii) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;] ([1]) *jew* [l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju indeterminat ta' BSE, u: (i) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (ii) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (iii) l-annimali, li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali [K]; (iv) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat kien prodott u ġie mmaniġġjat b'tali mod li jiżgura li ma fihx u ma ġiex kontaminat b'tessuti nervużi u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;] ([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u (a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; u (b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhux derivat minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

[K] https://www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini ma ġiex ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE jew huwa kklassifikat bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u

(a) l-annimali li minnhom huwa derivat il-laħam jew il-laħam ikkapuljat:

(i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;

(ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

(b) il-laħam jew il-laħam ikkapuljat ma fihx u mhuwiex derivat minn:

(i) materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(b) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ii) tessuti tan-nervituri u limfatiċi esposti matul il-proċess tad-dissussar;]

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-**laħam frisk** deskritt fil-Parti I:

II.2.1. inkiseb miż-**żona/i** bil-kodiċi/jiet: ……[(3)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' **ta' laħam frisk ta' annimali ovini u kaprini** u elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [L], u:

(a) fejn ma ġietx irrapportata infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda; u

(1) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda.]

(1)(4) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ___/___/____ (jj/xx/ssss).]

[L] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

(1)(5) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk u qed isir programm ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'annimali bovini miżmuma taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju.]

(1)(6) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk u qed isir programm ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'annimali bovini miżmuma taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju; din is-superviżjoni tinkludi l-kontroll tal-effikaċja tal-programm ta' tilqim permezz ta' sorveljanza seroloġika regolari li tindika l-livelli adegwati ta' antikorpi fl-annimali u li turi l-assenza taċ-ċirkulazzjoni tal-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fiż-żona.]

(1)(7) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda u l-assenza tal-marda hija kkontrollata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju permezz ta' sorveljanza seroloġika regolari li turi n-nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-virus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer.]

II.2.2. inkiseb minn **annimali** li:

(1) *jew* [baqgħu fiż-żona/i msemmija fil-punt II.2.1. sa mit-twelid, jew għal tal-anqas 3 xhur qabel it-tbiċċir.]

(1) *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____(jj/xx/ssss) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1., miż-żona bil-kodiċi ___ - __ (3) li f'dik id-data kienet awtorizzata għad-dħul ta' laħam frisk ta' annimali ovini u kaprini fl-Unjoni u fejn baqgħu sa minn twelidhom, jew għal tal-anqas 3 xhur qabel it-tbiċċir.]

(1) *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1., mill-Istat Membru bil-kodiċi ISO _____.]

II.2.3. inkiseb minn annimali li ġejjin minn **stabbilimenti**:

(a) irreġistrati minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [M];

(b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta', u ta' informazzjoni dwar, sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti;

(c) li ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u mard emerġenti, fil-ħin tad-dispaċċ lejn il-biċċerija;

(d) li fihom l-ebda annimal miżmum fihom ma tlaqqam kontra [l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u](8) l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina;

M Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

(1) jew [(e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir;]

(1)(5) *jew* [(e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 25 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina matul il-perjodu ta' 60 jum qabel id-data tat-tbiċċir;]

(1)(7) *jew* [(e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir;]

(1)(5) *jew* [(f) li fihom l-annimali baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-dispaċċ dirett lejn biċċerija.]

(1)(5)(9) *jew* [(f) li fihom l-annimali baqgħu għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel ma ngħaddew minn ċentru tal-assemblaġġ wieħed approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 20(2), il-punt (b) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx qabel id-dispaċċ dirett lejn biċċerija.]

II.2.4. inkiseb **minn annimali** li:

(a) intbagħtu mill-istabbiliment ta' oriġini tagħhom lejn biċċerija approvata f'mezz tat-trasport: (i) li huwa mibni b'tali mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu minnu; (ii) li fih ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali; (iii) li minnu ma jitħalliex iseħħ jew jiġi minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, ta' mifrex jew ta' għalf tal-annimali, u (iv) li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju immedjatament qabel it-trasportazzjoni tal-annimali mingħajr kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti II.2.1, II.2.2 u II.2.3;

(b) matul it-trasport lejn il-biċċerija l-annimali ma għaddewx minn pajjiż terz jew minn territorju jew żona tiegħu li mhumiex elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali ovini u kaprini u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx;

(c) tbiċċru [[fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)](1)[bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____ (jj/xx/ssss)](1)](10);

(d) ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx matul it-tbiċċir tagħhom.

II.2.5. inkiseb f'**biċċerija** li fiha u madwarha, fi ħdan raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.2.1. ma ġiet irrapportata matul perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

II.2.6. ġie segregat b'mod strett minn laħam frisk li ma jikkonformax mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali ovini u kaprini tul l-operazzjonijiet kollha tat-tbiċċir, tal-qtugħ u sakemm:

(1) *jew* [ġie imballat għal ħżin ulterjuri.]

(1) *jew* [tgħabba, bħala laħam frisk mhux imballat, fuq il-mezz tat-trasport għad-dispaċċ lejn l-Unjoni].

[II.2.7. ikun **laħam frisk dissussat, għajr il-ġewwieni**, miksub minn karkassi:

(1)(5) [(i) li fihom tneħħew il-limfonodi aċċessibbli ewlenin; (ii) li ġew sottomessi għall-maturazzjoni f'temperatura ogħla minn +2 °C għal tal-inqas 24 siegħa qabel ma tneħħa l-għadam; u (iii) li fihom il-valur pH tal-laħam kien anqas minn 6.0 meta ttestjat elettronikament fin-nofs tal-muskolu *longissimus-dorsi* wara l-maturazzjoni u qabel id-dissussar.]

(1)(11) [(i) li fihom tneħħew il-limfonodi aċċessibbli ewlenin; u (ii) li ġew sottomessi għall-maturazzjoni f'temperatura ogħla minn +2 °C għal tal-inqas 24 siegħa qabel ma tneħħa l-għadam.]][(1)]

II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk u ta' laħam ikkapuljat (kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) tal-annimali ovini u kaprini domestiċi (kif iddefiniti fl-Artikolu 2, il-punti (6) u (7) rispettivament tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692), inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dan il-laħam frisk.

L-esklużjoni ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dan il-prodott ma jistax jiġi importat bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

Parti I

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS): 02.04, 02.06, 05.04 jew 15.02.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Natura tal-komodità*": Indika "karkassa-sħiħa", "karkassa-ġenb", "karkassa-kwarti" jew "qatgħat".

"*Tip ta' trattament*": Jekk xieraq, indika "dissussat", "bl-għadma" u/jew "immaturat". Jekk iffriżat, indika d-data tal-iffriżar (xx/ss) tal-qatgħat/biċċiet.

Parti II

(1) Żomm kif meħtieġ.

(2) Laħam frisk kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(3) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Biss għal żoni b'data tal-ftuħ fil-kolonna 8 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(5) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Programm ta' tilqim ikkontrollat*" flimkien mal-entrata "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(7) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "Ma twettaq l-ebda tilqim" flimkien mal-annotazzjoni "Maturazzjoni, pH u dissussar" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(8) Ħassar fil-każ ta' żoni bl-entrata marbuta ma' kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, fejn jitwettaq programm ta' tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer bis-serotipi A, O jew C.

(9) Biss għal żoni bl-entrata marbuta mal-garanziji għas-saħħa tal-annimali "*Ċentru ta' assemblaġġ*" fil-kolonna 6 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat OVI**

	(10) Data jew dati tat-tbiċċir. Dan il-laħam għandu jkun permess li jidħol fl-Unjoni biss jekk il-laħam ikun inkiseb minn annimali li tbiċċru wara d-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona/i msemmija taħt il-punt II.2.1. għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali ovini u kaprini, jew waqt perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni ma' kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta' dan il-laħam minn din/dawn iż-żona/i, jew waqt perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta' din/dawn iż-żona/i għad-dħul fl-Unjoni ta' dan il-laħam ma kinitx sospiża. (11) Għal żoni bl-entrata marbuta mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni u dissussar*" fil-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Il-laħam dissussat immaturat għandu jkun permess li jidħol fl-Unjoni biss 21 jum wara d-data tat-tbiċċir tal-annimali.
	Veterinarju uffiċjali Isem (b'ittri kbar) Data — Kwalifika u titolu Timbru — Firma

KAPITOLU 3

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, ESKLUŻ LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TA' ANNIMALI PORĊINI DOMESTIĊI (MUDELL POR)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="3">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2 Referenza taċ-ċertifikat

I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali
I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC

KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.6 Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.9 Pajjiż tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td colspan="2">I.10 Reġjun tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td colspan="2">I.12 Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td colspan="2">I.14 Data u ħin tat-tluq</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3">I.15 Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td colspan="2">I.16 Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul
I.17 Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td colspan="2">□ Ambjentali □ Imkessħa □ Iffriżati</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>I.19</td><td colspan="5">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td></td><td>I.20</td><td colspan="5">Ċertifikat bħala jew għal
□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td></tr>
<tr><td></td><td>I.21</td><td colspan="2">□ Għat-tranżitu
Pajjiż terz</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22 □ Għas-suq intern
I.23</td><td></td></tr>
</table>

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POR**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam frisk]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament(UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk(2) tal-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. il-[laħam] [laħam ikkapuljat](1) ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

II.1.2. il-laħam inkiseb f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.3. il-laħam jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 [D], u b'mod partikolari:

([1]) *jew* [ġie soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]

([1]) *jew* [ġie soġġett għal trattament ta' ffriżar f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375.]

([1])([7]) *jew*[huwa derivat minn annimali porċini domestiċi li jew ġejjin minn azjenda li hija rikonoxxuta uffiċjalment li tapplika kundizzjonijiet ikkontrollati ta' alloġġ f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 jew inkella mhumiex miftuma u li għandhom anqas minn 5 ġimgħat.]

([1]) II.1.4. [il-laħam ikkapuljat ġie prodott f'konformità mat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ffriżat għal temperatura interna ta' mhux aktar minn - -18 °C;]

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POR**

	II.1.5. il-laħam instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 17, 23, 24, 30, 31, 33 sa 35, 37, 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 u mal-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624; II.1.6. ([1]) *jew* [il-karkassa jew il-partijiet tal-karkassa ġew immarkati b'marka tas-sanità f'konformità mal-Artikolu 48 u mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;] ([1]) jew [il-pakketti ta' [laħam] [laħam ikkapuljat] (1) ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;] II.1.7. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [E]; II.1.8. il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; II.1.9. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [I]. II.1.10. il-[laħam] [laħam ikkapuljat] ([1]) inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsimiet I u V rispettivament tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. ([3]) [II.1.11. jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 [J];]

E Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

F Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

G Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

H Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

I Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

J Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 tal-14 ta' Ottubru 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 17).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POR**

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-**laħam frisk** deskritt fil-Parti I:

II.2.1. inkiseb miż-**żona/i** bil-kodiċi/jiet: ……[4] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' **laħam frisk ta' annimali porċini** u elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [K], u:

(a) fejn ma ġietx irrapportata infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina u bid-deni Afrikan tal-ħnieżer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra dan il-mard; u

(1) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda;]

(1)(5) *jew* [(b) fejn ma ġietx irrapportata l-marda tal-ilsien u d-dwiefer sa minn ___/___/____ (jj/xx/ssss).]

(1) *jew* [(c) fejn ma ġiex irrappurtat id-deni klassiku tal-ħnieżer għal perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk, u matul l-istess perjodu ma twettaqx tilqim kontra din il-marda.]

(1)(5) *jew* [(c) fejn ma ġiex irrapportat id-deni klassiku tal-ħnieżer sa minn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ma twettaqx tilqim kontra din il-marda matul perjodu ta' 12-il xahar qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali li minnhom inkiseb il-laħam frisk].

II.2.2. inkiseb minn **annimali** li:

(1) *jew* [baqgħu fiż-żona/i msemmija fil-punt II.2.1. sa mit-twelid, jew għal tal-anqas 3 xhur qabel it-tbiċċir.]

(1) *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____(jj/xx/ssss) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1., miż-żona bil-kodiċi ___ - __ [4] li f'dik id-data kienet awtorizzata għad-dħul ta' laħam frisk ta' annimali porċini fl-Unjoni u fejn baqgħu sa minn twelidhom, jew għal tal-anqas 3 xhur qabel it-tbiċċir.]

(1) *jew* [ġew introdotti fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) fiż-żona msemmija fil-punt II.2.1., mill-Istat Membru bil-kodiċi ISO _____.]

II.2.3. inkiseb minn annimali li ġejjin minn **stabbilimenti**:

(a) irreġistrati minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [L];

K Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

L Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POR**

	(b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta', u ta' informazzjoni dwar, sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti; (c) li ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u mard emerġenti, fil-ħin tad-dispaċċ lejn il-biċċerija; (d) li fihom l-ebda annimal miżmum fihom ma tlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer u, l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, id-deni Afrikan tal-ħnieżer u d-deni klassiku tal-ħnieżer; (e) li fihom u madwarhom, fi ħdan żona b'raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, ma ġewx irrapportati l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina, id-deni Afrikan tal-ħnieżer u d-deni klassiku tal-ħnieżer matul il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir. II.2.4. inkiseb **minn annimali** li: (a) nżammu separati mill-ungulati selvaġġi mit-twelid; (b) intbagħtu mill-istabbiliment ta' oriġini tagħhom lejn biċċerija approvata f'mezz tat-trasport: (i) li huwa mibni b'tali mod li l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu minnu; (ii) li fih ikun possibbli li ssir spezzjoni viżwali tal-ispazju fejn jinżammu l-annimali; (iii) li minnu ma jitħalliex iseħħ jew jiġi minimizzat il-ħruġ ta' eskrementi, ta' mifrex jew ta' għalf tal-annimali, u (iv) li tnaddaf u ġie ddiżinfettat b'diżinfettant awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju immedjatament qabel it-trasportazzjoni tal-annimali mingħajr kuntatt ma' annimali oħra li ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti II.2.1, II.2.2 u II.2.3; (c) matul it-trasport lejn il-biċċerija l-annimali ma għaddewx minn pajjiż terz jew minn territorju jew żona tiegħu li mhumiex elenkati għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali porċini u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx; (d) tbiċċru [[fi ___/___/____ (jj/xx/ssss)][(1)][bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____. (jj/xx/ssss)][(1)]][(6)]; (e) ma kellhom l-ebda kuntatt ma' annimali bi status tas-saħħa aktar baxx matul it-tbiċċir tagħhom. II.2.5. inkiseb f'**biċċerija** li fiha u madwarha, fi ħdan raġġ ta' 10 km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, l-ebda waħda mill-mardiet imsemmija fil-punt II.2.1 ma ġiet irrapportata matul perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tbiċċir tal-annimali.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POR**

II.2.6. ġie segregat b'mod strett minn laħam frisk li ma jikkonformax mar-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' annimali porċini matul l-operazzjonijiet tat-tbiċċir, tal-qtugħ u sakemm:

(1) *jew* [ġie imballat għal ħżin ulterjuri.]

(1) *jew* [tgħabba, bħala laħam frisk mhux imballat, fuq il-mezz tat-trasport għad-dispaċċ lejn l-Unjoni].

II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk u ta' laħam ikkapuljat (kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) ta' annimali miżmuma ta' razez domestiċi ta' annimali porċini (kif iddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (8) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692), inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dan il-laħam frisk.

II.1.4. il-laħam instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni *post mortem* li saret f'konformità mal-Artikoli 10, 12 sa 15, 28, 31 sa 34 u 37 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

([1]) II.1.5. jew [il-karkassa jew il-partijiet tal-karkassa ġew immarkati b'marka tas-sanità f'konformità mal-Artikolu 48 u mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;]

([1]) jew [il-pakketti tal-laħam ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;]

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EQW**

	II.1.6. il-laħam jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [E]; II.1.7. il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; II.1.8. il-laħam inħażen u ġie ttrasportat skont ir-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. **Noti** F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk, minbarra l-ġewwieni, il-laħam ikkapuljat u l-laħam separat mekkanikament, tas-solipedi tal-kaċċa selvaġġa li jappartjenu għas-subġeneru *Hippotigris* (żebra). L-esklużjoni ta' ġewwieni, ta' laħam ikkapuljat u ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dawn il-prodotti ma jistgħux jiddaħħlu fl-Unjoni bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk Laħam frisk ifisser kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Wara d-dħul fl-Unjoni, l-iġsma bil-ġilda jridu jittieħdu minnufih lejn l-istabbiliment tal-ipproċessar tad-destinazzjoni. Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235. **Parti I:** Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: "*Post tad-dispaċċ*": isem u indirizz tal-istabbiliment tad-dispaċċ. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontenitur u trakkijiet), in-numru tat-titjira (inġenju tal-ajru) jew l-isem (bastiment). Fil-każ ta' ħatt u ta' tagħbija mill-ġdid, il-konsenjatur irid jinforma lill-BCP ta' dħul fl-Unjoni. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: Fil-każ ta' kontenituri jew ta' kaxxi, jenħtieġ li jiġi inkluż in-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli). Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (HS): 02.08.90 jew 05.04.

E Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

F Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

G Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EQW**

	Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna: "*Natura tal-komodità*": Indika "karkassa-sħiħa", "karkassa-ġenb", "karkassa-kwarti" jew "qatgħat". "*Tip ta' trattament*": Jekk meħtieġ, indika "immaturat" u/jew "mhux imqaxxar". Jekk iffriżat, indika d-data tal-iffriżar (xx/ss) tal-qatgħat/biċċiet. "*Biċċerija*": stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa. **Parti II:** (1) Żomm kif meħtieġ.
	Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni Isem (b'ittri kbar) Data Kwalifika u titolu Timbru Firma

KAPITOLU 10

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, TA' RUMINANTI DOMESTIĊI (MUDELL RUM-MSM)

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-sahha tal-annimali/uffiċjali lill-UE**		
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2** **Referenza taċ-ċertifikat** **I.3** **Awtorità Kompetenti Ċentrali** **I.4** **Awtorità Kompetenti Lokali**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**	
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6** **Operatur responsabbli ghall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9** **Pajjiż tad-destinazzjoni**		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi	**I.10** **Reġjun tad-destinazzjoni**		Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12** **Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż		Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14** **Data u ħin tat-tluq**		
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Inġenju tal-ajru □ Bastiment □ Ferrovija □ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16** **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dhul** **I.17** **Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessħa		□ Iffriżati
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill		
	I.20	**Ċertifikat bħala jew għal** □ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				□ Ipproċessar ulterjuri
	I.21	**□ Għat-tranżitu** Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.22** **□ Għas-suq intern** **I.23**		

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ	Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament	Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti		Nru tal-lott
	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru		

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat RUM-MSM**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam separat mekkanikament]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [I], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [J], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [K] u b'dan niċċertifika li l-laħam separat mekkanikament ta' ruminanti domestiċi deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. il-laħam separat mekkanikament ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

II.1.2. il-laħam separat mekkanikament inkiseb f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ffriżat għal temperatura interna ta' mhux aktar minn - 18 °C;

II.1.3. il-laħam separat mekkanikament ġie derivat minn laħam li nstab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 14, 16, 17, 20, 21, 24, 29, 33 sa 35, 37, 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

II.1.4. il-pakketti ta' laħam separat mekkanikament ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

H Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

I Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

J Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

K Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat RUM-MSM**

II.1.5. il-laħam separat mekkanikament jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [L];

II.1.6. il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [M], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [N] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

II.1.7. il-laħam separat mekkanikament ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [O], u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [P];

II.1.8. il-laħam separat mekkanikament inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.9. fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE):

(a) il-pajjiż jew ir-reġjun tad-dispaċċ huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE [Q] bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;

(b) il-laħam separat mekkanikament inkiseb minn għadam ta' annimali bovini, ovini jew kaprini li twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE u li fih ma kienx hemm każijiet indiġeni ta' BSE.

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-**laħam separat mekkanikament** deskritt fil-Parti I:

II.2.1. ġie ppreparat minn u fih biss laħam frisk[(2)] miksub fiż-**żona/i** bil-kodiċi(jiet): ……[(3)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' **laħam frisk** tal-ispeċi deskritta fil-punt II.2.2. li minnha nkiseb il-laħam frisk u elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [R] mingħajr l-entrata relatata mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 ta' dik it-tabella.

L Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

M Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

N Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

O Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

P Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

Q Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

R Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat RUM-MSM**

II.2.2. fih laħam frisk li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk stabbiliti fil-mudell taċ-ċertifikat rilevanti[4], u għalhekk eliġibbli li jidħol fl-Unjoni bħala tali, ta' annimali miżmuma tal-ispeċijiet li ġejjin: [annimali bovini][1][5], [annimali ovini u/jew kaprini][1][5], [annimali kamelidi u/jew annimali ċervidi u/jew annimali tal-familja Bovidae (għajr annimali bovini, ovini u kaprini)][1][5].

II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam separat mekkanikament (kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) minn laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi, ta' annimali ovini u/jew kaprini, ta' annimali kamelidi u/jew ta' annimali ċervidi u/jew ta' annimali tal-familja Bovidae (għajr annimali bovini, ovini u kaprini), inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali għat-tali preparat tal-laħam.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti II:

[1] Żomm kif meħtieġ.

[2] Laħam frisk kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (41) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [S].

[3] Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404

[4] Mudell taċ-ċertifikati previsti fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235: BOV għal-laħam frisk u l-laħam ikkapuljat tal-annimali bovini; ċertifikat OVI għal-laħam frisk u l-laħam ikkapuljat tal-annimali ovini u kaprini; ċertifikat RUF għal-laħam frisk ta' annimali tal-familja Bovidae (għajr annimali bovini, ovini u kaprini domestiċi), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija.

[5] Biss minn żoni elenkati mingħajr kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-*maturazzjoni, il-pH u d-dissussar* fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

S Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

KAPITOLU 11

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, TA' ANNIMALI PORĊINI DOMESTIĊI (MUDELL SUI-MSM)

PAJJIŻ					**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**			
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a**	**Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
					I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**		
					I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**		
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini**	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni**		Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.8	**Reġjun tal-oriġini**	Kodiċi		**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni**		Kodiċi
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem Indirizz Pajjiż	Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem Indirizz Pajjiż		Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.13	**Post tat-tagħbija**			**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**		
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Inġenju tal-ajru □ Bastiment □ Ferrovija □ Vettura tat-triq Identifikazzjoni			**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**		
					I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip Pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali		Kodiċi Kodiċi ISO tal-pajjiż
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessħa	□ Iffriżati			
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur		Nru tas-siġill				
	I.20	**Ċertifikat għala jew għal**						
		□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem			□ Ipproċessar ulterjuri			
	I.21	□ **Għat-tranżitu** Pajjiż terz	Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.22**	□ **Għas-suq intern**		
					I.23			

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi	Subspeċi/Kategorija			
		Maħżen imkessaħ	Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament	Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat SUI-MSM**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam separat mekkanikament]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] u b'dan niċċertifika li l-laħam separat mekkanikament tal-annimali deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1. il-laħam separat mekkanikament ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

II.1.2. il-laħam separat mekkanikament inkiseb f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u ffriżat għal temperatura interna ta' mhux aktar minn - 18 °C;

II.1.3 il-laħam separat mekkanikament jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 [D], u b'mod partikolari:

([1]) *jew* [ġie soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi;]

([1]) *jew* [ġie soġġett għal trattament ta' ffriżar f'konformità mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375.]

([1])([5]) *jew* [huwa derivat minn annimali porċini domestiċi jew li ġejjin minn azjenda li uffiċjalment rikonoxxuta bħala li tapplika kundizzjonijiet ta' sistemazzjoni kontrollati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 jew li ma jkunux miftuma u li għandhom inqas minn 5 ġimgħat.]

II.1.4. il-laħam separat mekkanikament ġie derivat minn laħam li nstab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 17, 23, 24, 30, 31, 33 sa 35, 37, 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 3, 4, 5, 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat SUI-MSM**

II.1.5. il-pakketti ta' laħam separat mekkanikament ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.6. il-laħam separat mekkanikament jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [E];

II.1.7. il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

II.1.8. il-laħam separat mekkanikament ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], u l-livelli massimi għall-kontaminanti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [I];

II.1.9. il-laħam separat mekkanikament inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-**laħam separat mekkanikament** deskritt fil-Parti I:

II.2.1. ġie ppreparat minn u fih biss laħam frisk[(2)] miksub fiż-**żona/i** bil-kodiċi(jiet): ……[(3)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' **laħam frisk** tal-ispeċi deskritta fil-punt II.2.2. li minnha nkiseb il-laħam frisk u elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [J] mingħajr l-entrata relatata mal-kundizzjonijiet speċifiċi "*Maturazzjoni, pH u dissussar*" fil-kolonna 5 ta' dik it-tabella.

II.2.2. fih laħam frisk li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk stabbiliti fil-mudell taċ-ċertifikat rilevanti[(4)], u għalhekk eliġibbli li jidħol fl-Unjoni bħala tali, ta' razez domestiċi ta' annimali porċini, ta' annimali miżmuma ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u ta' annimali tal-familja Tayassuidae, miżmuma bħala kaċċa mrobbija.

E Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

F Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

G Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

H Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

I Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

J Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat SUI-MSM**

II.3. Attestazzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-laħam deskritt fil-Parti I huwa derivat minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija f'konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla jew tal-anqas ma' rekwiżiti ekwivalenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam separat mekkanikament (kif iddefinit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004) minn laħam frisk ta' annimali miżmuma ta' razez domestiċi u selvaġġi ta' annimali porċini, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali għal dan il-laħam.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti II:

(1) Żomm kif meħtieġ.

(2) Laħam frisk kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (41) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [K].

(3) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Mudell taċ-ċertifikati previsti fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235: ċertifikat POR għal-laħam frisk u l-laħam ikkapuljat ta' annimali miżmuma ta' razez domestiċi ta' annimali porċini; ċertifikat SUF għal-laħam frisk ta' annimali miżmuma ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja Tayassuidae, miżmuma bħala kaċċa mrobbija.

(5) Id-deroga għall-annimali porċini domestiċi li jiġu minn azjenda rikonoxxuta uffiċjalment bħala li tapplika kundizzjonijiet ikkontrollati ta' sistemazzjoni, tista' tiġi applikata biss f'pajjiżi elenkati fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

K Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

KAPITOLU 12

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM LI JORIĠINA MINN NEW ZEALAND LI JGĦADDI MINN SINGAPORE, BIL-ĦATT, BIL-ĦŻIN POSSIBBLI U BIT-TAGĦBIJA MILL-ĠDID QABEL ID-DĦUL FL-UNJONI (MUDELL NZ-TRANSIT-SG)

<table>
<tr><td colspan="3">PAJJIŻ</td><td colspan="4">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="12">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td>Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC
KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td><td></td></tr>
<tr><td>I.5</td><td>Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td>Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td>Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td>Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Pajjiż Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="2">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td rowspan="2">I.15</td><td colspan="2" rowspan="2">Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="2">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td>I.17</td><td colspan="2">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td colspan="2">□ Ambjentali</td><td>□ Imkessħa</td><td>□ Iffriżati</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="6">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="6">Ċertifikat bħala jew għal</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="6">□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="2">□ Għat-tranżitu
Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22</td><td colspan="2">□ Għas-suq intern
I.23</td></tr>
</table>

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi	Subspeċi/Kategorija			
		Maħżen imkessaħ	Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
Biċċerija		Tip ta' trattament	Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat NZ-TRANSIT-SG**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-**laħam frisk**(2) deskritt fil-Parti I:

II.1.1. joriġina minn New Zealand u huwa awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni bħala laħam li jgħaddi minn Singapore f'konformità mal-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [A], u

II.1.2. huwa destinat għall-Unjoni u huwa akkumpanjat miċ-ċertifikat veterinarju mfassal f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901 [B] maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' New Zealand bin-numru ta' referenza taċ-ċertifikat ……, u

II.1.3. matul it-tranżitu, inħatt, inħażen, tgħabba mill-ġdid u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsimiet I u V rispettivament tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u

II.1.4. matul l-istadji kollha ta' tranżitu nżamm issegregat minn prodotti mill-annimali mhux eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni, u

II.1.5. huwa eliġibbli għad-dħul fl-Unjoni.

II.2 **Attestazzjoni ta' tranżitu**

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-kunsinna ta' **laħam frisk** deskritta fil-Parti I:

II.2.1. waslet fiż-żona doganali tal-ajruport ta' Singapore, f'kaxex tal-kartun b'tal-anqas siġill wieħed għal kontra t-tbagħbis fuq l-imballaġġ ta' barra ta' kull kaxxa tal-kartun b'tali mod li l-kaxex tal-kartun ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma tal-anqas jinqered jew jiġi danneġġat siġill wieħed, u

II.2.2. immedjatament wara l-ħatt minn fuq l-ajruplan, ġiet soġġetta għal verifika dokumentarja u tal-identità u, jekk applikabbli, għal verifika fiżika(3) mill-awtorità kompetenti ta' Singapore, u

II.2.3. inħażnet fi stabbiliment approvat fiż-żona doganali ta' Singapore(4), u

---

A Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

B Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901 tal-20 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi regoli ta' ċertifikazzjoni u mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/56/KE (ĠU L 277, 22.10. 2015, p. 32).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat NZ-TRANSIT-SG**

	II.2.4. tgħabbiet mill-ġdid f'kontejner reefer fi stabbiliment approvat fiż-żona doganali ta' Singapore taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti ta' Singapore, u il-kontejner reefer ġie: II.2.5. issiġillat mill-awtorità doganali ta' Singapore, għat-trasport mill-istabbiliment approvat lejn il-port marittimu ta' Singapore, u II.2.6. issiġillat mill-awtorità kompetenti ta' Singapore, għat-trasport mill-istabbiliment approvat sal-wasla fl-ewwel post ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-Unjoni. **Noti** F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għall-kunsinni tal-komoditajiet li ġejjin li joriġinaw minn New Zealand u li New Zealand huwa awtorizzat idaħħalhom fl-Unjoni, li jkunu akkumpanjati mill-mudell xieraq taċ-ċertifikat veterinarju maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' New Zealand, destinat għall-Unjoni u li jinħattu, jitgħabbew mill-ġdid u jitqiegħdu fi tranżitu bi ħżin jew mingħajrha minn Singapore: Laħam frisk, inkluż laħam ikkapuljat, tal-ispeċijiet li ġejjin (kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [C]): (1) annimali bovini; (2) annimali ovini u annimali kaprini; (3) razez domestiċi ta' annimali porċini; (4) annimali ekwini; Laħam frisk, eskluż il-ġewwieni u l-laħam ikkapuljat, tal-ispeċijiet li ġejjin (kif iddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692): (1) annimali tal-familja Bovidae (minbarra annimali bovini, annimali ovini, annimali kaprini), annimali kamelidi u annimali ċervidi miżmuma bħala kaċċa mrobbija; (2) annimali selvaġġi tal-familja Bovidae (minbarra annimali bovini, annimali ovini, annimali kaprini), annimali kamelidi selvaġġi u annimali ċervidi selvaġġi; (3) annimali miżmuma bħala kaċċa mrobbija ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali tal-familja Tayassuidae; (4) annimali selvaġġi ta' razez selvaġġi ta' annimali porċini u annimali selvaġġi tal-familja Tayassuidae; Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

[C] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat NZ-TRANSIT-SG**

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.7: Pajjiż tal-oriġini hawnhekk ifisser il-pajjiż tad-dispaċċ: Singapore.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

Natura tal-komodità: Indika "karkassa-sħiħa", "karkassa-ġenb", "karkassa-kwarti", "qatgħat" jew "laħam ikkapuljat". Numru tal-approvazzjoni: Indika l-istabbilimenti approvati fi New Zealand.

Parti II:

(1) Għall-kunsinni tal-laħam frisk li għalihom ġiet determinata ekwivalenza skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand (id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE [D]), il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju xieraq huwa stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901 [E].

(2) Laħam frisk kif iddefinit fil-Punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(3) F'każi eċċezzjonali li jistgħu jippreżentaw riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali jew meta jkunu ssuspettati xi irregolaritajiet, għandhom isiru verifiki fiżiċi addizzjonali.

(4) Ħassar jekk il-kunsinna tgħabbiet mill-ġdid mingħajr ħżin.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

D Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għal-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (ĠU L 57, 26.2.1997, p. 4).

E Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1901 tal-20 ta' Ottubru 2015 li tistabbilixxi regoli ta' ċertifikazzjoni u mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali ħajjin u ta' prodotti tal-annimali minn New Zealand u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/56/KE (ĠU L 277, 22.10.2015, p. 32).

KAPITOLU 13

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, MINBARRA IL-LAĦAM IKKAPULJAT U L-LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TAT-TJUR GĦAJR IR-RATITI (MUDELL POU)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="4"></td><td colspan="4">Ċertifikat tas-sahha tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="3">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td colspan="2">Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC
KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td></td><td>I.3</td><td colspan="2">Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td></td><td>I.4</td><td colspan="2">Awtorità Kompetenti Lokali</td><td></td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="3">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="3">Operatur responsabbli ghall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="3">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="3">Pajjiż tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="3">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="3">Reġjun tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="3">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="3">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td></td><td>I.14</td><td colspan="3">Data u ħin tat-tluq</td><td></td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="3">Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td></td><td>I.16</td><td colspan="3">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td></td><td>I.17</td><td colspan="3">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip
Pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td><td>Kodiċi
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="3">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td>□ Ambjentali</td><td>□ Imkessħa</td><td colspan="3">□ Iffriżati</td><td></td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="4">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur</td><td colspan="5">Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="4">Ċertifikat għala jew għal</td><td colspan="5"></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="4">□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td><td colspan="5"></td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="3">□ Għat-tranżitu
Pajjiż terz</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22</td><td colspan="4">□ Għas-suq intern</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td></td><td>I.23</td><td colspan="4"></td><td></td></tr>
</table>

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi	Subspeċi/Kategorija			
		Maħżen imkessaħ	Marka ta' identifikazzjoni		Piż nett
Biċċerija				Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POU**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-laħam frisk]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk(1) tat-tjur għajr ir-ratiti deskritt fil-Parti I inkiseb f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) il-laħam ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet II u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet *ante mortem* u *post mortem* li saru f'konformità mal-Artikoli 8 sa 14, 25, 33, 35 sa 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 3, 5 sa 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) jissodisfa l-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [D];

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat POU**

(f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [E], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [F] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

(g) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [G], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [H];

[(2)][(h) jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 [I].]

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li l-laħam frisk[(1)] tat-tjur għajr ir-ratiti deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. inkiseb fiż-żona bil-kodiċi: ……[(3)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [J] għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tat-tjur għajr ir-ratiti;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 141, il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [K];

(c) hija meqjusa ħielsa minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

L-esklużjoni ta' laħam ikkapuljat u ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dawn il-prodotti ma jistgħux jiġu importati bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8.: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

Kodiċi NM: uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 02.08.90.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: "*Biċċerija*": stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa.

Parti II:

(1) "Laħam frisk" kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(2) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(3) Żomm kif meħtieġ.

(4) Dan il-laħam għandu jkun permess li jidħol fl-Unjoni biss jekk il-laħam ikun inkiseb minn annimali mbiċċra wara d-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona msemmija fil-punt II.2.1. għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk tal-għasafar tal-kaċċa, jew waqt perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni ma' kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta' dan il-laħam minn dik iż-żona, jew waqt perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta' dik iż-żona għad-dħul fl-Unjoni ta' dan il-laħam ma kinitx sospiża.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma".

(e) Il-Kapitoli 19 sa 28 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"KAPITOLU 19

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT tas-saħħa tal-annimali/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' BAJD MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL E)

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**		
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC**
				I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	**KODIĊI QR**
				I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini** / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.8	**Reġjun tal-oriġini** / Kodiċi		**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** / Kodiċi	
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
	I.15	**Mezz tat-trasport** □ Inġenju tal-ajru □ Bastiment □ Ferrovija □ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**	
				I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip / Kodiċi Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	
	I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessħa	□ Iffriżati	
	I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur / Nru tas-siġill				
	I.20	**Ċertifikat bħala jew għal** □ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				
	I.21	**□ Għat-tranżitu** Pajjiż terz / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.22**	**□ Għas-suq intern**	
				I.23		

I.24 Għadd totali ta' pakketti	**I.25 Kwantità totali**	**I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna		

Kodiċi NM	Speċi	Subspeċi/Kategorija			
		Maħżen imkessaħ	Marka ta' identifikazzjoni		Piż nett
				Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
		Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat E**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-bajd]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [C] u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li l-bajd, deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

II.1.1 ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment approvat mill-UE;

II.1.2 inżamm, inħażen, ġie ttrasportat u ġie kkonsenjat f'konformità mal-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fil-Kapitolu I tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(3)[II.1.3 jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 [D] jekk huwa maħsub għall-Finlandja jew għall-Iżvezja; jew ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2012 [E] jekk huwa maħsub għad-Danimarka;]

II.1.4 il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F] huma ssodisfati u l-bajd huwa elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325 12.12.2003, p. 1).

D Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 tal-14 ta' Ottubru 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 17).

E Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 427/2012 tat-22 ta' Mejju 2012 dwar l-estensjoni ta' garanziji speċjali dwar is-Salmonella stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għall-bajd maħsub għad-Danimarka (ĠU L 132, 23.5.2012, p. 8).

F Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

G Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat E**

II.1.5 ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [I];

II.1.6 jissodisfa r-rekwiżiti fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003. B'mod partikolari:

(i) ma għandux jiġu importat bajd minn qatgħat ta' tiġieġ tal-bajd li fihom instabet is-*Salmonella* spp. bħala riżultat tal-investigazzjoni epidemjoloġika ta' tifqigħa trażmessa mill-ikel jew jekk ma jkunu ngħataw l-ebda garanziji ekwivalenti sakemm il-bajd ma jkunx immarkat bħala bajd tal-klassi B;

(ii) ma għandux jiġu importat bajd minn qatgħat ta' tiġieġ tal-bajd bi status tas-saħħa mhux magħruf, li jkunu ssuspettati li huma infettati jew minn qatgħat infettati bis-*Salmonella enteritidis* u/jew bis-*Salmonella typhimurium* li għalihom ġiet iffissata mira fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li fuqhom mhuwiex applikat il-monitoraġġ ekwivalenti għall-monitoraġġ stipulat fir-rekwiżiti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 517/2011 [J], jew jekk ma ngħatat l-ebda garanzija ekwivalenti sakemm il-bajd ma jkunx immarkat bħala bajd tal-klassi B.

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-bajd deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. ġej miż-żona bil-kodiċi _ _ - _ [(1)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [K] għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 158 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [L];

H Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

I Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

J Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 517/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar mira tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerti serotipi tas-Salmonella fit-tiġieġ għall-bajd tat-tip Gallus gallus u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2160/2003 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 200/2010 (ĠU L 138, 26.5.2011, p. 45).

K Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

L Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat E**

II. 2.2. inkiseb minn annimali miżmuma fi stabbiliment:

(a) li huwa rreġistrat minn u fil-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li għandhom sistema fis-seħħ biex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692;

(b) li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta', u ta' informazzjoni dwar, sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti;

(c) li, fil-ħin tal-ġbir tal-bajd, ma kienx soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż, il-mard relevanti elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti;

(d) li fih, matul perjodu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd u sakemm jinħareġ dan iċ-ċertifikat, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(e) li fi ħdan raġġ ta' 10 km minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;

II.2.3. inkiseb minn annimali li ma wrewx sintomi ta' mard li jittieħed fil-ħin tal-ġbir;

II.2.4. inġabar fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) jew bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____ (jj/xx/ssss)[2];

II.2.5. jintbagħat lejn l-Unjoni:

(a) f'mezz ta' trasport imfassal, mibni u miżmum f'tali kundizzjoni li l-istatus tas-saħħa tal-bajd ma jkunx ipperikolat matul it-trasport mill-post ta' oriġini tiegħu lejn l-Unjoni;

(b) separat minn annimali u minn prodotti ta' oriġini mill-annimali li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat E**

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' bajd tat-tjur, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk il-prodotti.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tad-dispaċċ.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Indika n-numri tar-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tat-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk ikunu magħrufa, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri, in-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-kaxxa I.19.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Kodiċi NM*": Uża l-kodiċi 04.07 tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali.

Parti II:

(1) Il-kodiċi taż-żona hekk kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(2) Dan il-bajd għandu jkun permess jidħol fl-Unjoni biss jekk id-data jew id-dati tal-ġbir tal-bajd ikunu wara d-data tal-awtorizzazzjoni taz-zona msemmija fil-punt II.2.1 għad-dħul fl-Unjoni tal-bajd, jew id-data f'perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni mhumiex fis-seħħ kontra d-dħul tal-bajd minn dik iż-żona, jewwaqt perjodu fejn l-awtorizzazzjoni ta' dik iż-żona għad-dħul fl-Unjoni ta' tali prodotti ma ġietx sospiża.

(3) Ħassar jekk il-kunsinna ma tkunx maħsuba għad-dħul fl-Iżvezja, fil-Finlandja jew fid-Danimarka.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

KAPITOLU 20:

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PRODOTTI TAL-BAJD MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL EP)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="4">Ċertifikat tas-sahha tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="11">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="3">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Pajjiż Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u hin tat-tluq</td></tr>
<tr><td rowspan="2">I.15</td><td colspan="3" rowspan="2">Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="2">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td>I.17</td><td colspan="2">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td>□ Ambjentali</td><td>□ Imkessħa</td><td colspan="2">□ Iffriżati</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="5">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="5">Ċertifikat bħala jew għal
□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="3">□ Għat-tranżitu
Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.22</td><td colspan="2">□ Għas-suq intern</td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td>I.23</td><td colspan="2"></td></tr>
</table>

I.24 Għadd totali ta' pakketti	**I.25 Kwantità totali**	**I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna		
Kodiċi NM Speċi Subspeċi/Kategorija		
Maħżen imkessaħ	Marka ta' identifikazzjoni	Piż nett
Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EP**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-prodotti tal-bajd]

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tar-Regolament(UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-bajd deskritti f'dan iċ-ċertifikat inkisbu f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

II.1.1. ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment approvat mill-UE;

II.1.2. ġew prodotti minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu II (II) tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.3. ġew prodotti f'konformità mar-rekwiżiti tal-iġjene stipulati fit-Taqsima X, il-Kapitoli II(I) u III tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.4. jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet analitiċi fil-Kapitolu II (IV) tat-Taqsima X tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji rilevanti stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [C];

II.1.5. ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II u mat-Taqsima X, il-Kapitolu II(V) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

II.1.6. il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [D] huma ssodisfati u l-bajd huwa elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [E] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

D Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

E Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EP**

II.1.7. ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [F], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [G].

II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li l-prodotti tal-bajd deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. ġejjin miż-żona bil-kodiċi _ _ - _ [(1)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(a) hija awtorizzata u elenkata fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [H] għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-bajd;

(b) twettaq programm ta' sorveljanza tal-mard għall-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja f'konformità mal-Artikolu 160 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [I];

II.2.2. tħejjew minn bajd miksub minn annimali miżmuma fi stabbilimenti:

(a) li huma irreġistrati minn u huma taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż jew tat-territorju tal-oriġini u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692;

(b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta', u ta' informazzjoni dwar, sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti;

(c) li, fil-ħin tal-ġbir tal-bajd, ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż, il-mard relevanti elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u mard emerġenti;

II.2.3. tħejjew minn bajd miksub minn annimali miżmuma fi stabbilimenti li fihom, matul perjodu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd u sakemm jinħareġ dan iċ-ċertifikat, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u:

F Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

G Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

H Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

I Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EP**

	[3]*jew* [(a) fi ħdan raġġ ta' 10 km minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;] [3]*jew* [(a) il-prodotti tal-bajd għaddew mit-trattament li ġej: [3]*jew* [il-likwidu tal-abjad tal-bajd kien ittrattat: [3]*jew* [b'temperatura ta' 55,6 °C għal 870 sekonda;] [3]*jew* [b'temperatura ta' 56,7 °C għal 232 sekonda;]] [3]*jew* [10 % tal-isfar tal-bajd immellaħ kien ittrattat b'temperatura ta' 62,2 °C għal 138 sekonda;] [3]*jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef kien ittrattat: [3]*jew* [b'temperatura ta' 67 °C għal 20 siegħa;] [3]*jew* [b'temperatura ta' 54,4 °C għal 50,4 siegħa;]] [3]*jew* [il-bajd sħiħ kien: [3]*jew* [trattat b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda;] [3]*jew* [imsajjar għalkollox;]] [3]*jew* [it-taħlitiet tal-bajd sħiħ kienu: [3]*jew* [trattati b'temperatura ta' 60 °C għal 188 sekonda;] [3]*jew* [trattati b'temperatura ta' 61,1 °C għal 94 sekonda;] [3]*jew* [imsajrin għalkollox;]]] [3]*jew* [(b) li fi ħdan raġġ ta' 10 km minnu, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet l-ebda tifqigħa ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle fi ħdan perjodu minimu ta' 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-bajd;] [3]*jew* [(b) il-prodotti tal-bajd għaddew mit-trattament li ġej: [3]*jew* [il-likwidu tal-abjad tal-bajd kien ittrattat: [3]*jew* [b'temperatura ta' 55 °C għal 2 278 sekonda;] [3]*jew* [b'temperatura ta' 57 C għal 986 sekonda;] [3]*jew* [b'temperatura ta' 59 °C għal 301 sekonda;]] [3]*jew* [10 % isfar tal-bajd immellaħ kien ittrattat b'temperatura ta' 55 °C għal 176 sekonda;] [3]*jew* [l-abjad tal-bajd imnixxef kien ittrattat b'temperatura ta' 57 °C għal 50,4 siegħa;] [3]*jew* [il-bajd sħiħ kien: [3]*jew* [trattat b'temperatura ta' 55 °C għal 2 521 sekonda;] [3]*jew* [trattat b'temperatura ta' 57 °C għal 1 596 sekonda;] [3]*jew* [trattat b'temperatura ta' 59 °C għal 674 sekonda;] [3]*jew* [imsajjar għalkollox;]]]

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat EP**

II.2.4. kienu prodotti minn bajd miksub minn annimali li ma wrewx sintomi ta' mard li jittieħed fil-ħin tal-ġbir tal-bajd;

II.2.5. ġew prodotti fi ___/___/____ (jj/xx/ssss) jew bejn ___/___/____ (jj/xx/ssss) u ___/___/____ (jj/xx/ssss)(2);

II.2.6. jintbagħtu lejn l-Unjoni:

(a) f'mezz ta' trasport imfassal, mibni u miżmum f'tali kundizzjoni li l-istatus tas-saħħa tal-prodotti tal-bajd ma jkunx ipperikolat matul it-trasport mill-post ta' oriġini tagħhom lejn l-Unjoni;

(b) separat minn annimali u minn prodotti ta' oriġini mill-annimali li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti rilevanti dwar is-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni previsti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-bajd, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawk il-prodotti.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

Kodiċi NM: Uża l-kodiċi xieraq tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 04.07, 04.08, 21.06, 35.02 jew 35.07.

Parti II:

(1) Il-kodiċi taż-żona hekk kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XIX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(2) Dawn il-prodotti tal-bajd għandhom ikunu permessi li jidħlu fl-Unjoni biss jekk id-data jew id-dati tal-produzzjoni jkunu wara d-data tal-awtorizzazzjoni taż-żona msemmija fil-punt II.2.1. għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tal-bajd, jew data f'perjodu fejn il-miżuri ta' restrizzjoni b'rabta mas-saħħa tal-annimali meħuda mill-Unjoni ma' kinux fis-seħħ kontra d-dħul ta' dawn il-prodotti tal-bajd minn dik iż-żona, jew fejn l-awtorizzazzjoni ta' dik iż-żona għad-dħul fl-Unjoni ta' tali prodotti ma kinitx sospiża.

(3) Żomm kif meħtieġ.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

KAPITOLU 21:

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM TA' LEPORIDAE SELVAĠĠI (FNIEK U LIEBRI), MINBARRA L-LAĦAM IKKAPULJAT, IL-LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT U L-ĠEWWIENI GĦAJR GĦAL-LEPORIDAE MHUX IMQAXXRA U MHUX EVIXXERATI (MUDELL WL)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="4"></td><td colspan="3">Ċertifikat uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="11">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="3">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td colspan="3"></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="3">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td colspan="3"></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="3">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="2">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="2">Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="2">Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="3">Post tad-dispaċċ
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="2">Post tad-destinazzjoni
Isem Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Indirizz

Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="2">Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="3">Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq

Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="2">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td colspan="3"></td><td>I.17</td><td colspan="2">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip Kodiċi
Pajjiż Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td>□ Ambjentali</td><td>□ Imkessħa</td><td colspan="2">□ Iffriżati</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="6">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td></tr>
</table>

I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**				
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				
I.21			**I.22** □ **Għas-suq intern**		
			I.23		
I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat WL**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b** **Referenza tal-IMSOC**

II.1. Ċertifikat tas-saħħa pubblika

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk[(2)] tal-leporidae selvaġġi (fniek u liebri) deskritt fil-Parti I inkiseb f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

(a) il-laħam ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

(b) il-laħam inkiseb f'konformità mat-Taqsima IV, il-Kapitoli I u III, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) il-laħam instab tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni *post mortem* li saret f'konformità mal-Artikoli 12 sa 14, 28, 33 u 37 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

(d) il-pakkett tal-laħam ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

[(1)] *jew* [(e) fil-każ ta' laħam tal-leporidae selvaġġi mqaxxra u evixxerati, il-laħam inkiseb u ġie spezzjonat f'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 u mar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;]

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat WL**

[1] *jew* [(e) fil-każ ta' leporidae selvaġġi mhux imqaxxra u mhux evixxerati:

- il-laħam tkessaħ f'temperatura ta' +4 °C jew anqas għal massimu ta' 15-il ġurnata qabel iż-żmien maħsub tal-importazzjoni iżda ma ġiex iffriżat jew iffriżat b'mod qawwi f'daqqa;

- saret spezzjoni veterinarja uffiċjali tas-saħħa fuq kampjun rappreżentattiv tal-iġsma u l-laħam inkiseb u ġie spezzjonat f'konformità mar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;

- il-laħam ġie identifikat billi twaħħlet marka uffiċjali tal-oriġini, li d-dettalji tagħha huma mniżżla fil-kaxxa I.27;]

(f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [D], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [E] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;
(g) inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima IV, il-Kapitolu III, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;
(h) inkiseb minn leporidae li, wara li nqatlu, ġew ittrasportati fi żmien 12-il siegħa lejn ċentru tal-ġbir u/jew stabbiliment approvat li jipproċessa l-kaċċa għat-tkessiħ.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

L-esklużjoni tal-laħam ikkapuljat, tal-laħam separat mekkanikament u tal-ġewwieni, għajr għal-leporidae mhux imqaxxra u mhux evixxerati, tissemma b'mod espliċitu fit-titlu biex tiġi evitata l-konfużjoni għax dawn il-prodotti ma jistgħux jiġu importati bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.7: Isem il-pajjiż tal-oriġini li jrid ikun l-istess bħal dak tal-pajjiż tal-esportazzjoni.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tad-dispaċċ.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.12: Meta l-laħam tkun trid issirlu spezzjoni *post mortem* wara t-tqaxxir, iridu jiddaħħlu l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment li jipproċessa l-kaċċa tad-destinazzjoni fl-Istat Membru.

D Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

E Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat WL**

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Indika n-numri tar-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tat-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk ikunu magħrufa, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri, in-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-kaxxa I.19.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Natura tal-komodità*": Agħżel waħda minn dawn: "leporidae mqaxxra u evixxerati", "qatgħat", "leporidae mhux imqaxxra u mhux evixxerati".

"*Biċċerija*": stabbiliment li jipproċessa l-kaċċa.

Parti II:

(1) Żomm kif meħtieġ.

(2) Laħam frisk kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni

Isem (b'ittri kbar)

Data Kwalifika u titolu

Timbru Firma

KAPITOLU 22:

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' LAĦAM FRISK MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, MINBARRA L-ĠEWWIENI, IL-LAĦAM IKKAPULJAT U L-LAĦAM SEPARAT MEKKANIKAMENT, TA' MAMMIFERI TERRESTRI SELVAĠĠI GĦAJR L-UNGULATI U L-LEPORIDAE (MUDELL WM)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="4">Ċertifikat uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a</td><td>Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td rowspan="3">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="3">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="3">Pajjiż tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="3">Reġjun tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="3">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td>I.14</td><td colspan="3">Data u ħin tat-tluq</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="3">Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td>I.16</td><td colspan="3">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.17</td><td colspan="3">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip
Kodiċi
Pajjiż
Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td>□ Ambjentali</td><td>□ Imkessħa</td><td colspan="3">□ Iffriżati</td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="3">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur</td><td colspan="4">Nru tas-siġill</td></tr>
</table>

I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**				
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				
I.21			**I.22** □ **Għas-suq intern**		
			I.23		
I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
Biċċerija	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat WM**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b Referenza tal-IMSOC**

Ċertifikat tas-saħħa pubblika

II.1. Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] u b'dan niċċertifika li l-laħam frisk(1) ta' mammiferi terrestri selvaġġi għajr l-ungulati u l-leporidae deskritt fil-Parti I inkiseb f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

(a) il-laħam ġej minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment(i) approvat(i) mill-UE;

(b) il-laħam inkiseb f'konformità mat-Taqsima IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

([2]) [(c) il-laħam jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 [D], u b'mod partikolari, kien soġġett għal eżami b'metodu tad-diġestjoni għat-*Trichinella* b'riżultati negattivi];

(d) il-laħam instab li tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni *post mortem* li saret f'konformità mal-Artikoli 12 sa 15, 28, 31(2), 33, 34 u 37 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627, mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624;

([3]) *jew* [(e) il-karkassa jew il-partijiet tal-karkassa ta' mammiferi selvaġġi kbar ġew immarkati b'marka tas-sanità f'konformità mal-Artikolu 48 u mal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;];

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat WM**

	([3]) *jew* [(e) il-karkassa jew il-partijiet tal-karkassa ta' mammiferi selvaġġi żgħar ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;] ([3]) *jew* [(e) il-pakketti tal-laħam ta' mammiferi selvaġġi żgħar jew kbar ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;] (f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [A], huma ssodisfati u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [B] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; (g) inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tat-Taqsima IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; (h) inkiseb minn mammiferi terrestri selvaġġi għajr l-ungulati u l-leporidae li, wara li nqatlu, ġew ittrasportati fi żmien 12-il siegħa lejn ċentru tal-ġbir u/jew stabbiliment approvat li jipproċessa l-kaċċa għat-tkessiħ. **Noti** F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. L-esklużjoni ta' ġewwieni, ta' laħam ikkapuljat u ta' laħam separat mekkanikament tissemma espliċitament fit-titolu sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni minħabba li dawn il-prodotti ma jistgħux jiddaħħlu fl-Unjoni bl-użu ta' dan iċ-ċertifikat ta' laħam frisk. Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235. **Parti I:** Kaxxa bin-numru ta' referenza I.7: Isem il-pajjiż tal-oriġini li jrid ikun l-istess bħal dak tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tad-dispaċċ. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Indika n-numri tar-reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u tat-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk ikunu magħrufa, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri, in-numru tar-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill irid jiġi indikat fil-kaxxa I.19.

[A] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

[B] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat WM**

	Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna: "*Biċċerija*": stabbilimenti li jipproċessaw l-kaċċa. **Parti II:** (1) Laħam frisk kif iddefinit fil-punt 1.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. (2) Biss għall-ispeċijiet li huma suxxettibbli għat-trikinelloża. (3) Żomm kif meħtieġ.
	Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni Isem (b'ittri kbar) Data Kwalifika u titolu Timbru Firma

KAPITOLU 23:

	(1) [II.1.7. Jekk derivati minn annimali bovini, ovini jew kaprini, fir-rigward tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE): ([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun tal-oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE [F] bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE, u[(4)] ([1]) [l-annimali, li minnhom ġew derivati l-budellati, twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE;] ([1]) [l-annimali, li minnhom ġew derivati l-budellati, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE u: ([1]) (i) jekk derivati minn annimali bovini, il-budellati ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a)(iii) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (ii) l-annimali li minnhom ġew dderivati l-budellati, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali;] ([1]) [l-annimali, li minnhom ġew derivati l-budellati, joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE u: ([1]) (i) jekk derivati minn annimali bovini, il-budellati ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a)(iii) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (ii) l-annimali li minnhom ġew dderivati l-budellati, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (iii) l-annimali, li minnhom huma dderivati l-budellati, ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ, kif iddefiniti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali [G];]]

[F] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

[G] https://www.oie.int/en/standard-setting/terrestrial-code/access-online/

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CAS**

	([1]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini huwa kklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju kkontrollat ta' BSE, u ([1]) *jew* [(a) l-annimali li minnhom ġew derivati l-budellati, ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew tbiċċru b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut tas-sistema nervuża ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali, ([1]) [(b) u jekk derivati minn annimali bovini, il-budellati ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a)(iii) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]] ([1]) *jew* [(a) il-budellati fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;] ([1]) *jew* [(a) il-budellati fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju BSE negliġibbli fejn kien hemm tal-anqas każ indiġenu wieħed ta' BSE, ([1]) [(b) u jekk derivati minn annimali bovini: ([2]) *jew* [(i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq it-tagħlif tar-ruminanti bil-frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam u ta' qrieqeċ derivati mir-ruminanti;] ([2]) *jew* [(i) jekk derivati minn annimali bovini, il-budellati ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a)(iii) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]] ([2]) *jew* [il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini ma ġiex ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE jew huwa kklassifikat bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju mhux iddeterminat ta' BSE, u ([2]) *jew* [(a) l-annimali li minnhom ġew derivati l-budellati: (i) ma tbiċċrux wara sturdament permezz ta' gass injettat fil-kavità kranjali u lanqas ma nqatlu bl-istess metodu jew ma tbiċċrux b'laċerazzjoni wara sturdament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument imtawwal forma ta' virga mdaħħal fil-kavità kranjali; (ii) ma ġewx mitmugħa frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam jew qrieqeċ minn ruminanti, kif definit fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CAS**

(^{2}) [(b) u jekk derivati minn annimali bovini, il-budellati ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a)(iii) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]]

(^{2}) *jew* [(a) il-budellati fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li twieldu, trabbew kontinwament u tbiċċru f'pajjiż jew f'reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju negliġibbli ta' BSE fejn ma kien hemm l-ebda każ indiġenu ta' BSE;]

(^{2}) *jew* [(a) il-budellati fihom u ġew derivati minn intestini trattati miġjuba minn annimali li joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun ikklassifikat f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/453/KE bħala pajjiż jew reġjun li jirrappreżenta riskju BSE negliġibbli fejn kien hemm tal-anqas każ indiġenu wieħed ta' BSE,

(^{2}) [(b) u jekk derivati minn annimali bovini:

(^{2}) *jew* [(i) l-annimali twieldu wara d-data li minnha ġiet infurzata l-projbizzjoni fuq it-tagħlif tar-ruminanti bil-frakass tal-fdal tal-laħam u tal-għadam u ta' qrieqeċ derivati mir-ruminanti;]

(^{2}) *jew* [(i) jekk derivati minn annimali bovini, il-budellati ma fihomx u ma ġewx derivati minn materjal speċifikat riskjuż kif iddefinit fil-punt 1(a)(iii) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]]]]

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali

Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika, li l-**budellati**(2) deskritti fil-Parti I:

II.2.1. ġew pproċessati fi u mibgħuta miż-**żona/i** bil-kodiċi(jiet): _____ (3), li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' budellati tal-ispeċijiet ta' annimali li minnhom inkisbu l-budellati deskritti fil-Parti I u elenkat/i fil-Parti 1 tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [H];

jew (1) [II.2.2. ġew ipproċessati mill-vexxiki u/jew mill-intestini miksuba minn [annimali bovini](1), [annimali ovini u/jew kaprini](1), [annimali porċini miżmuma](1) u ż-żona/i msemmija taħt il-punt II.2.1. hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' dawn l-ispeċijiet ta' annimali u elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404;

H Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CAS**

jew (1) [II.2.2. ġew ipproċessati mill-vexxiki u/jew mill-intestini miksuba minn [annimali bovini][1], [annimali ovini u/jew kaprini][1], [annimali porċini miżmuma][1] u waqt l-ipproċessar tagħhom kienu:

jew (1) [immellħa bil-klorur tas-sodju (NaCl), xotti jew bħala salmura saturata (aw< 0,80), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew aktar, f'temperatura ta' 20 °C jew ogħla;]]

jew (1) [immellħa bil-melħ issupplimentat bil-fosfat li jkun fih 86,5 % NaCl, 10,7 % Na_2HPO_4 u 2,8 % Na_3PO_4 (piż/piż/piż), xotti jew inkella bħala salmura saturata (aw< 0,80), għal perjodu kontinwu ta' 30 jum jew aktar, f'temperatura ta' 20 °C jew ogħla.]]

jew (1) [II.2.2. ġew ipproċessati minn vexxiki u/jew minn intestini miksuba minn annimali għajr annimali bovini, ovini, kaprini u/jew porċini u matul l-ipproċessar tagħhom ġew:

jew (1) [immellħa bil-klorur tas-sodju (NaCl) għal 30 jum;]]

jew (1) [ibbliċjati;]]

jew (1) [tnixxfu wara l-brix;]]

II.2.3. waqt l-ipproċessar u sal-imballaġġ ġew immaniġġjati b'mod li jevita l-kontaminazzjoni kroċjata li tista' tintroduċi riskju għas-saħħa tal-annimali.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' budellati, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontenitur u trakkijiet), in-numru tat-titjira (inġenju tal-ajru) jew l-isem (bastiment). Trid tingħata informazzjoni separata fil-każ tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat CAS**

Parti II

(1) Żomm kif meħtieġ.

(2) Kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (45) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [I].

(3) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(4) Żomm tal-anqas waħda mill-għażliet proposti.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

[I] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

KAPITOLU 28

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ĦUT ĦAJ, TA' KRUSTAĊJI ĦAJJIN U TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI MINN DAWK L-ANNIMALI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL FISH-CRUST-HC)

PAJJIŻ — **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**

Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna

I.1	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
			I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
			I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
I.7	**Pajjiż tal-oriġini** / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
I.8	**Reġjun tal-oriġini** / Kodiċi		**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** / Kodiċi	
I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
I.15	**Mezz tat-trasport** □ Inġenju tal-ajru □ Bastiment □ Ferrovija □ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**	
			I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip / Kodiċi Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	
I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessħa		□ Iffriżati
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur / Nru tas-siġill				
I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**				
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem □ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem		□ Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned		□ Ipproċessar ulterjuri
I.21	□ **Għat-tranżitu** Pajjiż terz / Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.22**	□ **Għas-suq intern**	
			I.23		

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ	Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
	Tip ta' trattament	Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti		Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Impjant tal-manifattura			

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. [(1)]**Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**[ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-ħut ħaj, tal-krustaċji ħajjin jew tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali]

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li l-prodotti tas-sajd deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) inkisbu fir-reġjun(i) jew fil-pajjiż(i) …….. li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat huwa/huma awtorizzat(i) għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd u elenkat(i) fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 [C];

(b) ġejjin minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment approvat mill-UE;

(c) inqabdu u ġew immaniġġjati abbord bastimenti, inħattu l-art, ġew immaniġġjati u fejn meħtieġ imħejjija, ipproċessati, iffriżati, u ħallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII, tal-Kapitoli I sa IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) ma nħażnux fi stivi, f'tankijiet jew f'konteniturі użati għal skopijiet oħra għajr għall-produzzjoni u/jew għall-ħżin ta' prodotti tas-sajd;

– (e)jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stipulati fit-Taqsima VIII, tal-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [D];

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

D Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

	(f) ġew imballati, inħażnu u ġew ittrasportati f'konformità mat-Taqsima VIII, il-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; (g) ġew immarkati f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; (h) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [E], u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [F] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; (i) ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [G]; (j) għaddew mill-kontrolli uffiċjali stabbiliti fl-Artikoli 67 sa 71 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [H]. [(2)]**[II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għal ħut ħaj u għal krustaċji ħajjin[(3)] tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għal prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni qabel il-konsum mill-bniedem, eskluż l-ħut ħaj u l-krustaċji ħajjin u l-prodotti tagħhom li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd** II.2.1. Skont informazzjoni uffiċjali, [(4)][l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [(4)][il-prodotti ta' oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin: II.2.1.1. Joriġinaw minn [(4)][stabbiliment] [(4)][ħabitat] li mhux soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet relatati mas-saħħa tal-annimali jew minħabba l-okkorrenza ta' mortalità anormali b'kawża mhux determinata, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [I] u l-mard emerġenti; II.2.1.2. [(4)][L-annimali akkwatiċi mhux maħsuba biex jinqatlu] [(4)][Il-prodotti tal-oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li nkisbu minn annimali li ma kinux maħsuba biex jinqatlu] skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat relevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti.

E Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

F Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

G Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

H Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

I Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

[4] [II.2.2. [4][L-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][Il-prodotti tal-oriġini mill-annimali tal-akkwakultura għajr l-annimali ħajjin tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.2.1. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li huwa [4][reġistrat] [4][approvat] mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tal-oriġini, u fil-kontroll tagħha, u li għandu sistema fis-seħħ biex imantni u jżomm għal tal-anqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni dwar:

(i) l-ispeċijiet, il-kategoriji u n-numru ta' annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment;

(ii) il-movimenti tal-annimali akkwatiċi lejn l-istabbiliment, u tal-annimali tal-akkwakultura barra mill-istabbiliment;

(iii) il-mortalità fl-istabbiliment;

II.2.2.2. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.]

II.2.3. Rekwiżiti ġenerali tas-saħħa tal-annimali

[4][L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [4][Il-prodotti tal-oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I], inkisbu minn annimali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

[4][6][II.2.3.1. Huma soġġetti għar-rekwiżiti fil-Parti II.2.4 u joriġinaw minn [4][pajjiż] [4][territorju] [4][żona] [4][kompartiment] [5]bil-kodiċi:_ - __ li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, hija/huwa elenkat(a) fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [J] għad-dħul fl-Unjoni ta' [4][annimali akkwatiċi] [4][prodotti li joriġinaw mill-annimali, minn annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin];]

[4][6][II.2.3.2. Ikunu annimali akkwatiċi li għaddew minn spezzjoni klinika minn veterinarju uffiċjali fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija. Matul l-ispezzjoni, l-annimali ma wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed u, skont ir-rekords rilevanti tal-istabbiliment, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard;]

II.2.3.3. Huma annimali akkwatiċi li jintbagħtu direttament mill-istabbiliment ta' oriġini lejn l-Unjoni;

II.2.3.4. Ma kinux f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi bi status ta' saħħa inferjuri.

[J] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

	jew(4)(6) **[II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa** (4) **[II.2.4.1 Rekwiżiti (3)għall-ispeċijiet elenkati għan-Nekrożi ematopojetika epiżootika, għall-Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura, għall-Infezzjoni bil-virus tar-ras safra** (4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn (4)[Nekrożi ematopojetika epiżootika] (4)[Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura] (4)[Infezzjoni bil-virus tar-ras safra] f'konformità mal-kundizzjonijiet li huma tal-anqas stringenti daqs dawk stabbiliti fl-Artikolu 66 jew fl-Artikolu 73(1) u fl-Artikolu 73(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 [K] u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati(3) kollha għall-mard relevanti: (i) huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard; (ii) ma tlaqqmux kontra (4) [dik il-marda] (4) [dak il-mard].] (4)(7)**[II.2.4.2. Rekwiżiti (3)għall-ispeċijiet elenkati għas-Settiċemija emorraġika virali (VHS), għan-Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), għall-Infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV) jew għall-infezzjoni bil-Virus tas-sindromu tal-ponot bojod** (4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4) [Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn (4)[Settiċemija emorraġika virali (VHS)] (4)[Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)] (4)[Infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV)] (4)[infezzjoni bil-Virus tas-sindromu tal-ponot bojod] f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet kollha (3)elenkati għall-mard relevanti: (i) huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard; (ii) ma tlaqqmux kontra (4) [dik il-marda] (4) [dak il-mard].]

[K] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

	(4)(8)[II.2.4.3. Rekwiżiti għal (9)speċijiet suxxettibbli għall-infezzjoni bil-viremija tar-Rebbiegħa tal-karpjun (SVC), għall-Mard Batteriku tal-Kliewi (BKD), għall-infezzjoni bil-Virus tan-nekrożi pankreatika infettiva (IPN), għall-infezzjoni bil-Gyrodactylus salaris (GS), għall-infezzjoni bl-Alfavirus tas-salmonidi (SAV) u (3) għal speċijiet suxxettibbli għall-Marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV) (4)[L-annimali akkwatiċi msemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] li jissodisfa l-garanziji tas-saħħa fir-rigward ta' (4)[SVC], (4)[BKD], (4)[IPN], (4)[GS], (4)[SAV], (4)[KHV], li huma meħtieġa għall-konformità mal-miżuri nazzjonali li japplikaw fl-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 175 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692, u li għalihom l-Istat Membru jew parti minnu huwa elenkat (4)[fl-Anness I] (4)[fl-Anness II] tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 [L].]] *jew* (4)(6)[**II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa** (4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] nkisbu minn annimali li huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard fl-Unjoni li huwa approvat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 [M], fejn għandhom jiġu pproċessati għall-konsum mill-bniedem.] **II.2.5.** Sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, **(4)**[l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] **(4)**[il-prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn **(4)**[stabbiliment] **(4)**[ħabitat] fejn: (i) ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża indeterminata; u (ii) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi **(3)**tal-ispeċijiet elenkati li ma kinux konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.2.1. **II.2.6. Rekwiżiti tat-trasport** Saru arranġamenti għat-trasport tal-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 167 u 168 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u speċifikament li: II.2.6.1. meta l-annimali jiġu ttrasportati fl-ilma, l-ilma li fih jiġu ttrasportati ma jinbidilx f'pajjiż terz jew f'territorju, f'żona jew f'kompartiment li mhumiex elenkati għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi;

[L] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).

[M] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

II.2.6.2. l-annimali ma jingarrux f'kundizzjonijiet li jipperikolaw l-istatus tas-saħħa tagħhom, b'mod partikolari:

(i) meta l-annimali jingarru fl-ilma, dan l-ilma ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;

(ii) il-mezz tat-trasport u l-kontenituri jridu jkunu nbnew b'mod li l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat waqt il-ġarr;

(iii) [4][il-kontenitur] [4][id-dgħajsa barrada] [4][ma ntużat qatt] [4][huwa/hija mnaddaf/fa qabel u diżinfettat(a), f'konformità ma' protokoll u bi prodotti approvati mill-awtorità kompetenti [4][tal-pajjiż terz] [4][tat-territorju] tal-oriġini, qabel it-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni];

II.2.6.3. mill-ħin tat-tagħbija fl-istabbiliment ta' oriġini sal-ħin tal-wasla fl-Unjoni, l-annimali fil-kunsinna ma jiġux ittrasportati fl-istess ilma jew [4][kontenitur] [4][dgħajsa barrada] flimkien ma' annimali akkwatiċi li għandhom status tas-saħħa inferjuri jew li mhumiex maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;

II.2.6.4. fejn ikun meħtieġ li jinbidel l-ilma f'[4][pajjiż] [4][territorju] [4][żona] [4][kompartiment] li huwa/hija elenkat(a) għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni, dan iseħħ biss [4][fil-każ ta' trasport fuq l-art, fil-punti ta' bdil tal-ilma approvati mill-awtorità kompetenti [4] [tal-pajjiż terz] [4][tat-territorju] fejn jinbidel l-ilma] [4][fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada, f'distanza ta' mill-inqas 10 km minn kwalunkwe stabbiliment tal-akkwakultura li jinsab fir-rotta bejn il-post ta' oriġini u l-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni].

II.2.7. Rekwiżiti tat-tikkettar

II.2.7.1. Saru arranġamenti sabiex jiġu identifikati u ttikkettati [4][il-mezz tat-trasport] [4][il-kontenituri] f'konformità mal-Artikolu 169 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u speċifikament li l-kunsinna hija identifikata minn [4][tikketta li tista' tinqara u li tidher fuq in-naħa ta' barra tal-kontenitur] [4][entrata fil-manifest tal-bastimenti meta tiġi ttrasportata b'dgħajsa barrada,] li torbot b'mod ċar il-kunsinna ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali;

[4][II.2.7.2. Fil-każ ta' annimali akkwatiċi, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd ta' kontenituri fil-kunsinna;

(b) l-isem tal-ispeċi preżenti f'kull kontenitur;

(c) l-għadd ta' annimali f'kull kontenitur għal kull waħda mill-ispeċijiet preżenti;

(d) dikjarazzjoni li tgħid: [4]["ħut ħaj maħsub għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea"] [4]["krustaċji ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea"].]

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

[4][II.2.7.3. Fil-każ ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(a) "ħut maħsub għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel il-konsum mill-bniedem";

(b) "krustaċji maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea qabel il-konsum mill-bniedem".]

II.2.8. Validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport tal-annimali akkwatiċi bil-passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar, dan il-perjodu ta' 10 ijiem jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ fuq il-passaġġi fuq l-ilma/fuq il-baħar.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ħut ħaj, krustaċji ħajjin u prodotti ta' oriġni mill-annimali minn dawk l-annimali, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tat-tali annimali akkwatiċi ħajjin u l-prodotti tagħhom.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif iddefiniti fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. "Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi soġġetti għall-akkwakultura kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/429.

L-annimali akkwatiċi kollha u l-prodotti kollha ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li għalihom tapplika l-Parti II.2.4. ta' dan iċ-ċertifikat, iridu joriġinaw minn pajjiż/territorju/żona/kompartiment li jidher/tidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Il-Parti II.2.4. taċ-ċertifikat **ma tapplikax** għall-krustaċji u għal-ħut li ġejjin, u għalhekk jistgħu joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjuni, li huwa elenkat fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405:

(a) krustaċji li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) krustaċji li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għat-tali imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) krustaċji ppakkjati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

(d) ħut li nqatel u ġie evixxerat qabel id-dispaċċ.

Dan iċ-ċertifikat japplika għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali kif ukoll għall-annimali akkwatiċi ħajjin inkluż dawk iddestinati għal stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (52), tar-Regolament (UE) 2016/429 li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: Immarka "*Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned*" għall-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta'-9 °C jew f'temperatura ogħla minn -18 °C u maħsub sabiex ikun ippreżervat fil-laned f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu I, il-punt II(7) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Immarka "*Prodotti għall-konsum mill-bniedem*" jew "*Ipproċessar ulterjuri*" għall-każijiet l-oħra.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Niżżel il-kodiċi(jiet) xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) bl-użu ta' intestaturi bħal: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Natura tal-komodità*": Speċifika jekk joriġinax mill-akkwakultura jew mill-baħar ħieles.
"*Tip ta' trattament*": Speċifika jekk huwiex ħaj, imkessaħ, iffriżat jew ipproċessat.
"*Impjant tal-manifattura*": jinkludi bastiment fabbrika, bastiment friża, bastimenti reefer, maħżen imkessaħ u impjant tal-ipproċessar.

Parti II:

(1) Il-Parti II.1 ta' dan iċ-ċertifikat ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċifiċi stipulati fi ftehimiet ta' ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

(2) Il-Parti II.2. ta' dan iċ-ċertifikat ma tapplikax u jenħtieġ titħassar meta l-kunsinna tkun tikkonsisti minn: (a) speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 [N]; jew (b) annimali akkwatiċi selvaġġi u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd għall-konsum dirett mill-bniedem; jew (c) prodotti tal-oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi oħra għajr annimali akkwatiċi ħajjin li jidħlu fl-Unjoni lesti għall-konsum dirett mill-bniedem.

(3) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 għandhom jitqiesu biss bħala vetturi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 171 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) Żomm kif meħtieġ/ħassar jekk mhux applikabbli. Fil-każ tal-Parti II.2.4.1, it-tħassir mhuwiex permess jekk il-kunsinna jkun fiha speċijiet elenkati għan-Nekrożi ematopojetika epiżootika, għall-Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura jew għall-Infezzjoni bil-virus tar-ras safra, għajr fiċ-ċirkostanzi msemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna (6).

(5) Il-kodiċi tal-pajjiż terz/tat-territorju/taż-żona/tal-kompartiment kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(6) Il-Partijiet II.2.3.1, II.2.3.2 u l-Parti II.2.4 ta' dan iċ-ċertifikat ma japplikawx u jenħtieġ li jitħassru jekk il-kunsinna jkun fiha biss il-krustaċji jew il-ħut li ġejjin:

(a) krustaċji li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) krustaċji li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għat-tali imballaġġi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) krustaċji li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar,

(d) ħut li nqatel u ġie evixxerat qabel id-dispaċċ.

N Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

	(7) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkollu jew status ta' ħieles mill-mard għal marda tal-kategorija C kif iddefinit fl-Artikolu 1, il-punt (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, jew ikun soġġett għal programm ta' eradikazzjoni mhux obbligatorju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar. (8) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew parti minnu, fl-Unjoni jkun approva miżuri nazzjonali għal marda speċifika kif elenkat fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 [O], inkella ħassar (9) L-ispeċijiet suxxettibbli kif imsemmija fit-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260. (10) għall-iffirmar minn: — veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma titħassarx – — uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta titħassar il-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali.
	[Veterinarju uffiċjali] [(4)(10)]/[Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni][(4)(10)] Isem (b'ittri kbar) Data — Kwalifika u titolu Timbru — Firma

";

[O] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).".

(f) Il-Kapitoli 30 sa 38 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"KAPITOLU 30

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PRODOTTI TAS-SAJD JEW TA' PRODOTTI TAS-SAJD DERIVATI MINN MOLLUSKI BIVALVI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM LI JIDĦLU FL-UNJONI DIRETTAMENT MINN BASTIMENT REEFER, FRIŻA JEW FABBRIKA LI JTAJJAR IL-BANDIERA TA' PAJJIŻ TERZ KIF PREVIST FL-ARTIKOLU 11(3) TAR-REGOLAMENT DELEGAT (UE) 2019/625 (MUDELL FISH/MOL-CAP)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="4">Ċertifikat uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat</td><td>I.2a</td><td>Referenza tal-IMSOC</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.3</td><td>Awtorità Kompetenti Ċentrali</td><td colspan="2" rowspan="2">KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td>I.4</td><td>Awtorità Kompetenti Lokali</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="3">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz

Pajjiż
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="3">Pajjiż tad-destinazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="3">Reġjun tad-destinazzjoni
Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="2">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz

Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni

Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="3">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz

Pajjiż
Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni

Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3" rowspan="3"></td><td>I.14</td><td colspan="3">Data u hin tat-tluq</td></tr>
<tr><td></td><td>I.16</td><td colspan="3">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dhul</td></tr>
<tr><td>I.15</td><td>I.17</td><td colspan="3">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip
Kodiċi
Pajjiż
Kodiċi ISO tal-pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="6"></td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="6"></td></tr>
</table>

I.20	**Ċertifikat bħala jew għal**						
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				□ Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned		Ipproċessar ulterjuri
I.21				**I.22** □ **Għas-suq intern**			
				I.23			
I.24	**Għadd totali ta' pakketti**		**I.25**	**Kwantità totali**		**I.26**	**Piż nett/piż gross totali (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**						
Kodiċi NM	Speċi	□ Konsumatur finali Data tal-ġbir/tal-produzzjoni	Għadd ta' pakketti	Piż nett	Nru tal-lott Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Tip ta' trattament

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH/MOL-CAP**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-Saħħa	**II.a** **Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b** **Referenza tal-IMSOC**

II.1 Ċertifikat tas-saħħa pubblika

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'dan niċċertifika li l-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin deskritti fil-Parti I:

(a) ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li l-bastiment jidher fil-lista' tal-bastimenti li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni (li jkunu "elenkati għall-UE"):

(b) il-bastiment japplika r-rekwiżiti ġenerali tal-iġjene, jimplimenta programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat regolarment mill-awtoritajiet kompetenti, u huwa elenkat bħala stabbiliment approvat mill-UE;

(c) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti ta' oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin inqabdu u ġew immaniġġjati abbord bastimenti, inħattu l-art, ġew immaniġġjati u fejn meħtieġ imħejjija, ipproċessati, iffriżati, u tħallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII, tal-Kapitoli I sa IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Il-vixxri u l-partijiet li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa pubblika tneħħew kemm jista' jkun malajr u nżammu apparti mill-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem;

(d) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stabbiliti fit-Taqsima VIII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 [jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stabbiliti fit-Taqsima VII; il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] (ħassar kif meħtieġ) u, fejn xieraq, il-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [C];

(e) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin ġew imballati, inħażnu u ġew ittrasportati f'konformità mat-Taqsima VIII, il-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH/MOL-CAP**

(f) il-prodotti tas-sajd jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin ġew immarkati f'konformità mat-Taqsima VIII, tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(g) fil-każ tal-Pectinidae, tal-gastropodi tal-baħar u tal-Holothuroidea li mhumiex organiżmi filtraturi maħsuda barra miż-żoni ta' produzzjoni klassifikati, dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima VII, il-Kapitolu IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(h) il-prodotti tas-sajd jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [D], u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [E] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

(i) il-prodotti tas-sajd ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [F]; u

(j) il-prodotti tas-sajd iffriżati jew il-prodotti tas-sajd derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin inżammu f'temperatura ta' mhux aktar minn -18 °C fil-partijiet kollha tal-prodott. Ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura maħsub għall-produzzjoni ta' ikel ippreservat fil-laned jista' jinżamm f'temperatura ta' mhux aktar minn -9 °C.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.2: Numru uniku tad-dokument skont il-klassifikazzjoni tiegħek.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.5: L-isem u l-indirizz (it-triq, il-belt u l-kodiċi postali) tal-persuna fiżika jew ġuridika li lilha hija importata l-kunsinna direttament fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.7: Il-pajjiż li l-bandiera tiegħu qed tittajjar mill-bastiment li qed joħroġ dan id-dokument.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem tal-bastiment u n-numru tal-approvazzjoni kif elenkati f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 [G] li minnhom jiġu importati direttament il-prodotti tas-sajd.

D Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

E Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

F Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

G Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat FISH/MOL-CAP**

	Kaxxa bin-numru ta' referenza I.20: Immarka "*Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned*" għall-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta'-9 °C jew f'temperatura ogħla minn -18 °C u maħsub sabiex ikun ippreżervat fil-laned f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu I, il-punt II(7) tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Immarka "*Prodotti għall-konsum mill-bniedem*" jew "*Ipproċessar ulterjuri*" għall-każijiet l-oħra. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Niżżel il-kodiċi(jiet) xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) bl-użu ta' intestaturi bħal: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106. Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna: "*Tip ta' trattament*": Speċifika jekk huwiex imkessaħ, iffriżat jew ipproċessat.
	Kaptan tal-bastiment Isem (b'ittri kbar): Data: Firma: Timbru:

KAPITOLU 31

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' MOLLUSKI BIVALVI ĦAJJIN, TA' EKINODERMI, TA' TUNIKATI, TA' GASTROPODI TAL-BAĦAR U TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI MINN DAWN L-ANNIMALI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL MOL-HC)

PAJJIŻ — **Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE**

Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna

I.1	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
			I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	
			I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.6**	**Operatur responsabbli għall-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż	
I.7	**Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż	
I.8	**Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi		**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi	
I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż	
I.13	**Post tat-tagħbija**		**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	
I.15	**Mezz tat-trasport** □ Inġenju tal-ajru — □ Bastiment □ Ferrovija — □ Vettura tat-triq Identifikazzjoni		**I.16**	**Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul**	
			I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip — Kodiċi Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali	
I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	□ Ambjentali	□ Imkessħa	□ Iffriżati	
I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill** Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill				
I.20	**Ċertifikat għala jew għal** □ Prodotti għall-konsum mill-bniedem — □ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem — □ Ċentru ta' dispaċċ — □ Ipproċessar ulterjuri				
I.21	**□ Għat-tranżitu** Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż		**I.22**	**□ Għas-suq intern**	
			I.23		

I.24 Għadd totali ta' pakketti	**I.25 Kwantità totali**	**I.26 Piż nett/piż gross totali (f'kg)**

I.27 Deskrizzjoni tal-kunsinna					
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura		

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. [(1)]**Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**[ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-molluski bivalvi ħajjin, tal-ekinodermi, tal-tunikati, tal-gastropodi tal-baħar u ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawn l-annimali]

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li [(4)][il-molluski bivalvi ħajjin] [(4)][l-ekinodermi ħajjin] [(4)][it-tunikati ħajjin] [(4)][il-gastropodi tal-baħar ħajjin] [(4)][il-prodotti tal-oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi tal-baħar ħajjin] deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

(a) inkisbu fir-reġjun(i) jew fil-pajjiż(i) …….. li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat huwa/huma awtorizzat(i) għad-dħul fl-Unjoni ta' [(4)][molluski bivalvi ħajjin] [(4)][ekinodermi ħajjin] [(4)][tunikati ħajjin] [(4)][gastropodi tal-baħar ħajjin] [(4)][prodotti ta' oriġini mill-annimali derivati minn molluski bivalvi ħajjin/ekinodermi ħajjin/tunikati ħajjin/gastropodi marini ħajjin], u elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 [C];

(b) ġejjin minn stabbiliment(i) li japplika(w) rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjat(i) regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkat(i) bħala stabbiliment approvat mill-UE;

(c) inħasdu, u fejn meħtieġ ingħaddew u ġew ittrasportati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli I u II tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) [(4)][ġew immaniġġjati, u fejn meħtieġ ġew ippurifikati u mballati f'konformità mat-Taqsima VII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) [(4)][tħejjew, ġew ipproċessati, ffriżati, u thallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII, il-Kapitoli III u IV tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004]];

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

	(f) jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stipulati fit-Taqsima VII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, [4][it-Taqsima VIII, il-Kapitolu V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] u l-kriterji stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 [D]; (g) ġew imballati, inħażnu u ġew ittrasportati f'konformità [4] mat-[Taqsima VII, il-Kapitoli VI u VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] [4] [Taqsima VIII, il-Kapitoli VI sa VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004]; (h) ġew immarkati u ttikkettati f'konformità [4] mat-[Taqsima I tal-Anness II u mat-Taqsima VII, il-Kapitolu VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004] [4] [Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004]; (i) fil-każ tal-*Pectinidae*, tal-gastropodi tal-baħar u tal-*Holothuroidea* li mhumiex organiżmi filtraturi maħsuda barra miż-żoni ta' produzzjoni klassifikati, dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima VII, il-Kapitolu IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004; (j) ġejjin minn żona tal-produzzjoni kklassifikata skont l-Artikolu 52 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [E] bħala [A] [B] jew [C] fil-mument tal-ħsad tagħhom (*jekk jogħġbok indika l-klassifikazzjoni taż-żona tal-produzzjoni fil-mument tal-ħsad*) (ħlief għall-Pectinidae, għall-gastropodi tal-baħar u għall-Holothuroidea li mhumiex organiżmi filtraturi, li jinħasdu barra miż-żoni tal-produzzjoni kklassifikati); (k) ikunu għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli uffiċjali stipulati [4][fl-Artikoli 51 sa 66 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 jew fl-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624] [4][fl-Artikoli 69 sa 71 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627]; (l) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom, jekk joriġinaw mill-akkwakultura, ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [F], u l-annimali u l-prodotti kkonċernati huma elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [G] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat; (m) ġew prodotti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [H], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [I].

[D] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

[E] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

[F] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

[G] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

[H] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

[I] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

	[(2)][**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-molluski bivalvi [(3)]tal-ispeċijiet elenkati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għal prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk il-molluski li jkunu maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni qabel il-konsum mill-bniedem, eskluži l-molluski selvaġġi u l-prodotti tagħhom li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd** Jien, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan niċċertifika li: II.2.1. Skont informazzjoni uffiċjali, [(4)][l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [(4)][il-prodotti ta' oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin: II.2.1.1. Joriġinaw minn [(4)][stabbiliment] [(4)][ħabitat] li mhux soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet relatati mas-saħħa tal-annimali jew minħabba l-okkorrenza ta' mortalità anormali b'kawża mhux determinata, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [J] u l-mard emerġenti; II.2.1.2. [(4)][L-annimali akkwatiċi mhux maħsuba biex jinqatlu] [(4)][Il-prodotti tal-oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li nkisbu minn annimali li ma kinux maħsuba biex jinqatlu] skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat relevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti. [(4)][II.2.2. [(4)][L-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [(4)][Il-prodotti tal-oriġini mill-annimali tal-akkwakultura għajr l-annimali ħajjin tal-akkwakultura msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: II.2.2.1. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li huwa [(4)][reġistrat] [(4)][approvat] mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju tal-oriġini, u fil-kontroll tagħha, u li għandu sistema fis-seħħ biex imantni u jżomm għal tal-anqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni dwar: (i) l-ispeċijiet, il-kategoriji u n-numru ta' annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment; (ii) il-movimenti tal-annimali akkwatiċi lejn l-istabbiliment, u tal-annimali tal-akkwakultura barra mill-istabbiliment; (iii) il-mortalità fl-istabbiliment; II.2.2.2. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwarhom, bi frekwenza li tkun proporzjonali għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.]

[J] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

II.2.3. Rekwiżiti ġenerali dwar is-saħħa tal-annimali

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti tal-oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

(4)(6)[II.2.3.1. Huma soġġetti għar-rekwiżiti fil-Parti II.2.4 u joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju], (4)[żona] (4)[kompartiment] (5)bil-kodiċi: __ __ - __ li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, huwa/hija elenkat(a) fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [K] għad-dħul fl-Unjoni ta' dawk (4)[l-annimali akkwatiċi] (4)[il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin];]

(4)(6)[II.2.3.2. Ikunu annimali akkwatiċi li għaddew minn spezzjoni klinika minn veterinarju uffiċjali fi żmien 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija. Waqt l-ispezzjoni, l-annimali ma wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed u, skont ir-rekords rilevanti tal-istabbiliment, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard;]

II.2.3.3. Huma annimali akkwatiċi li jintbagħtu direttament mill-istabbiliment ta' oriġini lejn l-Unjoni;

II.2.3.4. Ma kinux f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi bi status ta' saħħa inferjuri.

jew(4)(6)[**II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa**

(4) **[II.2.4.1. Rekwiżiti (3)għall-ispeċijiet elenkati għall-infezzjoni bil-Mikrocytos mackini jew għall-infezzjoni bil-Perkinsus marinus**

(4)[L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn (4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn (4)[Infezzjoni bil-Mikrocytos mackini] (4)[Infezzjoni bil-Perkinsus marinus] f'konformità mal-kundizzjonijiet li huma tal-anqas stringenti daqs dawk stabbiliti fl-Artikolu 66 jew fl-Artikolu 73(1) u fl-Artikolu 73(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 [L] u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati(3) kollha għall-mard relevanti:

(i) huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard;

(ii) ma tlaqqmux kontra (4) [dik il-marda] (4) [dak il-mard].]

K Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

L Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

[(4)(7) [II.2.4.2. Rekwiżiti [(3)għall-ispeċijiet elenkati għall-infezzjoni bil-Marteilia refringens, l-infezzjoni bil-Bonamia exitiosa jew l-infezzjoni bil-Bonamia ostreae

[(4)][L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [(4)][Il-prodotti li joriġinaw mill-annimali akkwatiċi għajr l-annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I, inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn [(4)][pajjiż] [(4)][territorju] [(4)][żona] [(4)][jew kompartiment] iddikjarat(a) ħieles/ħielsa minn [(4)][infezzjoni bil-Marteilia refringens] [(4)][infezzjoni bil-Bonamia exitiosa] [(4)][infezzjoni bil-Bonamia ostreae] f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati[(3)] kollha għall-mard relevanti:

– huma introdotti minn pajjiż, territorju, żona jew kompartiment ieħor iddikjarat ħieles mill-istess mard;
– ma tlaqqmux kontra [(4)] [dik il-marda] [(4)] [dak il-mard].]

[(4)(8)] [II.2.4.3. Rekwiżiti [(9)għall-ispeċijiet suxxettibbli għall-infezzjoni bil-Virus tal-erpete tal-gajdri 1 μvar (OsHV-1 μvar)

[(4)][L-annimali akkwatiċi msemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [(4)][Il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmijin fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn [(4)][pajjiż] [(4)][territorju] [(4)][żona] [(4)][kompartiment] li jissodisfa l-garanziji tas-saħħa fir-rigward ta' OsHV-1 μvar li huma meħtieġa għall-konformità mal-miżuri nazzjonali li japplikaw fl-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 175 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692, u li għalihom l-Istat Membru jew parti minnu huwa elenkat [(4)][fl-Anness I] [(4)][fl-Anness II] tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 [M].]]

jew **[(4)(6)][II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa**

[(4)][L-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] [(4)][Il-prodotti ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin imsemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] nkisbu minn annimali li huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard fl-Unjoni li huwa approvat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 [N], fejn għandhom jiġu pproċessati għall-konsum mill-bniedem.]

[M] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1).

[N] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għal stabbilimenti tal-akkwakultura u trasportaturi ta' annimali akkwatiċi (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 345).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

II.2.5. Sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, (4)[l-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I] (4)[il-prodotti li joriġinaw minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I inkisbu minn annimali li] joriġinaw minn **(4)**[stabbiliment] **(4)**[ħabitat] fejn:

(i) ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża indeterminata; u

(ii) l-annimali ma ġewx f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi **(3)**tal-ispeċijiet elenkati li ma kinux konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.2.1.

II.2.6. Rekwiżiti tat-trasport

Saru arranġamenti għat-trasport tal-annimali akkwatiċi msemmija fil-Kaxxa I.27 tal-Parti I f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 167 u 168 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u speċifikament li:

II.2.6.1. meta l-annimali jiġu ttrasportati fl-ilma, l-ilma ma jinbidilx f'pajjiż terz jew f'territorju, f'żona jew f'kompartiment li mhumiex elenkati għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi;

II.2.6.2. l-annimali ma jinġarrux f'kundizzjonijiet li jipperikolaw l-istatus tas-saħħa tagħhom, b'mod partikolari:

(i) meta l-annimali jinġarru fl-ilma, dan l-ilma ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;

(ii) il-mezz tat-trasport u l-kontenituri jridu jkunu nbnew b'mod li l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat waqt il-ġarr;

(iii) (4)[il-kontenitur] (4)[id-dgħajsa barrada] (4)[ma ntużat qatt] (4)[huwa/hija mnaddaf/fa qabel u diżinfettat(a), f'konformità ma' protokoll u bi prodotti approvati mill-awtorità kompetenti (4)[tal-pajjiż terz] (4)[tat-territorju] tal-oriġini, qabel it-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni];

II.2.6.3. mill-ħin tat-tagħbija fl-istabbiliment ta' oriġini sal-ħin tal-wasla fl-Unjoni, l-annimali fil-kunsinna ma jiġux ittrasportati fl-istess ilma jew (4)[kontenitur] (4)[dgħajsa barrada] flimkien ma' annimali akkwatiċi li għandhom status tas-saħħa inferjuri jew li mhumiex maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;

II.2.6.4. fejn ikun meħtieġ li jinbidel l-ilma f'(4)[pajjiż] (4)[territorju] (4)[żona] (4)[kompartiment] li huwa/hija elenkat(a) għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni, dan iseħħ biss (4)[fil-każ ta' trasport fuq l-art, fil-punti ta' bdil tal-ilma approvati mill-awtorità kompetenti (4) [tal-pajjiż terz] (4)[tat-territorju] fejn jinbidel l-ilma] (4)[fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada, f'distanza ta' mill-inqas 10 km minn kwalunkwe stabbiliment tal-akkwakultura li jinsab fir-rotta bejn il-post ta' oriġini u l-post ta' destinazzjoni fl-Unjoni].

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

II.2.7. Rekwiżiti tat-tikkettar

Saru arranġamenti għall-identifikazzjoni u għat-tikkettar tal-[4][mezz tat-trasport] [4][konteniturі] f'konformità mal-Artikolu 169 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u speċifikament li:

II.2.7.1. il-kunsinna tkun identifikata minn [4][tikketta li tinqara u li tidher fuq in-naħa ta' barra tal-kontenitur] [4][entrata fil-manifest tal-bastimenti meta tinġarr minn dgħajsa barrada] li torbot il-kunsinna b'mod ċar ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali;

[4][II.2.7.2. fil-każ ta' annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha:

(a) dettalji dwar l-għadd ta' kontenituri fil-kunsinna;

(b) l-isem tal-ispeċi preżenti f'kull kontenitur;

(c) dettalji dwar l-għadd ta' annimali f'kull kontenitur għal kull waħda mill-ispeċijiet preżenti;

(d) id-dikjarazzjoni li ġejja: "molluski ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea";]

[4][II.2.7.3. fil-każ ta' prodotti tal-oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1. fiha mill-anqas id-dikjarazzjoni li ġejja:

"molluski ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem, wara l-ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni Ewropea".]

II.2.8. Validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport tal-annimali akkwatiċi bil-passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar, dan il-perjodu ta' 10 ijiem jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ fuq il-passaġġi fuq l-ilma/fuq il-baħar.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' molluski bivalvi ħajjin u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tat-tali molluski bivalvi ħajjin u l-prodotti tagħhom.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif iddefiniti fl-Artikolu 4, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. "Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi soġġetti għall-akkwakultura kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/429.

L-annimali akkwatiċi kollha u l-prodotti kollha ta' oriġini minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li għalihom tapplika l-Parti II.2.4. ta' dan iċ-ċertifikat, iridu joriġinaw minn pajjiż/territorju/żona/kompartiment li jidher/tidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

Il-Parti II.2.4. taċ-ċertifikat **ma tapplikax** għall-annimali akkwatiċi li ġejjin, u għalhekk jistgħu joriġinaw minn pajjiż jew minn reġjun tiegħu, li huwa elenkat fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405:

(a) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku;

(b) molluski li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għat-tali imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Reġjun tal-oriġini: indika ż-żona tal-produzzjoni u l-klassifikazzjoni tagħha fil-mument tal-ħsad.

Parti II:

(1) Il-Parti II.1. ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stipulati fi Ftehimiet ta' Ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(2) Il-Parti II.2. ma tapplikax u jenħtieġ li titħassar meta l-kunsinna tkun tikkonsisti minn: (a) speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 [O]; jew (b) annimali akkwatiċi selvaġġi u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi li jinħattu l-art minn bastimenti tas-sajd għall-konsum dirett mill-bniedem; jew (c) prodotti tal-oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi oħra għajr annimali akkwatiċi ħajjin li jidħlu fl-Unjoni lesti għall-konsum dirett mill-bniedem.

(3) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882. L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 għandhom jitqiesu biss bħala vetturi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 171 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(4) Żomm kif meħtieġ/ħassar jekk mhux applikabbli. Fil-każ tal-Parti II.2.4.1, it-tħassir mhuwiex permess jekk il-kunsinna jkun fiha speċijiet elenkati għall-Infezzjoni bil-Mikrocytos mackini jew għall-Infezzjoni bil-Perkinsus marinus, għajr fiċ-ċirkostanzi msemmija fin-Nota f'qiegħ il-paġna (6).

(5) Il-kodiċi tal-pajjiż terz/tat-territorju/taż-żona/tal-kompartiment kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

[O] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MOL-HC**

(6) Il-Partijiet II.2.3.1, II.2.3.2. u II.2.4. ma japplikawx u jenħtieġ li jitħassru jekk il-kunsinna jkun fiha biss l-annimali akkwatiċi li ġejjin:

(a) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) molluski li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għat-tali imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) molluski li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar.

(7) Applikabbli biss meta l-Istat Membru/iż-żona/il-kompartiment tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkollu jew status ta' ħieles mill-mard għal marda tal-kategorija C kif iddefinit fl-Artikolu 1, il-punt (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, jew ikun soġġett għal programm ta' eradikazzjoni mhux obbligatorju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar.

(8) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jew parti minnu, jkollu miżuri nazzjonali approvati għal marda speċifika kif elenkat fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, inkella ħassar.

(9) L-ispeċijiet suxxettibbli kif imsemmija fit-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260.

(10) għall-iffirmar minn:

— veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma titħassarx

— uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta titħassar il-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali.

[Veterinarju uffiċjali][4][10]/[Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni][4][10]

Isem (b'ittri kbar)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

KAPITOLU 32

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' MOLLUSKI BIVALI PPROĊESSATI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM LI JAPPARTJENU GĦALL-ISPEĊI *ACANTHOCARDIA TUBERCULATUM* (MUDELL MOL-AT)

L-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni b'dan jiċċertifika li l-molluski bivalvi pproċessati tal-ispeċi *Acanthocardia tuberculatum*, iċċertifikati fiċ-ċertifikat uffiċjali bin-Nru ta' referenza*: ……

(1) inħasdu f'żoni ta' produzzjoni identifikati b'mod ċar, ikklassifikati u mmonitorjati mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikoli 52 u 59 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [A] u fejn il-kwantità tat-tossina tal-avvelenament mill-frott tal-baħar bil-qoxra paralizzanti (PSP) tkun anqas minn 300 µg għal 100 g;

(2) ġew ittrasportati f'kontenituri jew f'vetturi ssiġillati mill-awtorità kompetenti, direttament lejn l-istabbiliment:

……

……

(l-isem u n-numru tal-approvazzjoni uffiċjali tal-istabbiliment, awtorizzat b'mod speċjali mill-awtorità kompetenti sabiex iwettaq it-trattament tagħhom);

(3) kienu akkumpanjati matul it-trasport lejn dan l-istabbiliment minn dokument maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti li jawtorizza t-trasport, jiċċertifika n-natura u l-kwantità tal-prodott, iż-żona ta' produzzjoni ta' oriġini u l-istabbiliment tad-destinazzjoni;

(4) kienu soġġetti għat-trattament bis-sħana deskritt fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/77/KE [B]; u

(5) wara t-trattament bis-sħana ma fihomx kwantità ta' tossini PSP li taqbeż it-80 µg għal 100 g bl-użu ta' metodu uffiċjali tal-Unjoni, kif muri mir-rapport(i) analitiku/ċi mehmuż(a) tat-test imwettaq fuq kull lott inkluż fil-kunsinna koperta b'din iċ-ċertifikazzjoni.

A Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

B Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/77/KE tat-18 ta' Jannar 1996 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-ħsad u l-ipproċessar ta' ċerti molluski bi-valvoli li ġejjin minn żoni fejn il-livell paralitiku tal-velenu tal-frott tal-baħar jaqbeż il-limitu preskritt fid-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE (ĠU L 15, 20.1.1996, p. 46).

L-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni b'dan jiċċertifika li l-awtoritajiet kompetenti vverifikaw li l-kontrolli "proprji" mwettqa fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (2) huma applikati b'mod speċifiku għat-trattament bis-sħana msemmi fil-punt (4).

L-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni ffirmat hawn taħt b'dan jiddikjara li huwa konxju mir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 96/77/KE u li r-rapport(i) analitiku/analitiċi mehmuż(a) jikkorrispondi/u għat-test imwettaq fuq il-prodotti wara l-ipproċessar.

* Jekk jogħġbok daħħal in-numru taċ-ċertifikat MOL-HC li jakkumpanja l-molluski bivalvi pproċessati tal-ispeċi *Acanthocardia tuberculatum*.

Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni

Isem (b'ittri kbar)

Data

Kwalifika u titolu

Timbru

Firma

KAPITOLU 33

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT UFFIĊJALI/TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ĦALIB MHUX IPPROĊESSAT MAĦSUB GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL MILK-RM)

<table>
<tr><td colspan="2">PAJJIŻ</td><td colspan="3"></td><td colspan="4">Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE</td></tr>
<tr><td rowspan="15">Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna</td><td>I.1</td><td colspan="2">Konsenjatur/Esportatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.2</td><td>Referenza taċ-ċertifikat

I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali
I.4 Awtorità Kompetenti Lokali</td><td>I.2a</td><td>Referenza tal-IMSOC

KODIĊI QR</td></tr>
<tr><td>I.5</td><td colspan="2">Konsenjatarju/Importatur
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.6</td><td colspan="3">Operatur responsabbli għall-kunsinna
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.7</td><td colspan="2">Pajjiż tal-oriġini</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.9</td><td colspan="3">Pajjiż tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.8</td><td colspan="2">Reġjun tal-oriġini</td><td>Kodiċi</td><td>I.10</td><td colspan="3">Reġjun tad-destinazzjoni</td><td>Kodiċi</td></tr>
<tr><td>I.11</td><td colspan="3">Post tad-dispaċċ
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td>I.12</td><td colspan="3">Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Pajjiż</td><td>Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.13</td><td colspan="3">Post tat-tagħbija</td><td></td><td>I.14</td><td colspan="3">Data u ħin tat-tluq</td><td></td></tr>
<tr><td>I.15</td><td colspan="3">Mezz tat-trasport
□ Inġenju tal-ajru □ Bastiment
□ Ferrovija □ Vettura tat-triq
Identifikazzjoni</td><td></td><td>I.16</td><td colspan="3">Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="3"></td><td></td><td>I.17</td><td colspan="3">Dokumenti ta' akkumpanjament
Tip
Pajjiż
Referenza tad-dokument kummerċjali</td><td>Kodiċi
Kodiċi ISO tal-pajjiż</td></tr>
<tr><td>I.18</td><td colspan="2">Kundizzjonijiet tat-trasport</td><td>□ Ambjentali</td><td>□ Imkessħa</td><td>□ Iffriżati</td><td colspan="4"></td></tr>
<tr><td>I.19</td><td colspan="6">Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill
Nru tal-kontenitur Nru tas-siġill</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td>I.20</td><td colspan="6">Ċertifikat bħala jew għal
□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem</td><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td>I.21</td><td colspan="3">□ Għat-tranżitu
Pajjiż terz Kodiċi ISO tal-pajjiż</td><td></td><td>I.22</td><td colspan="3">□ Għas-suq intern
I.23</td><td></td></tr>
</table>

I.24 **Għadd totali ta' pakketti**		**I.25** **Kwantità totali**		**I.26** **Piż nett/piż gross totali (f'kg)**	
I.27 **Deskrizzjoni tal-kunsinna**					
Kodiċi NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ		Marka ta' identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
	Tip ta' trattament		Natura tal-komodità	Għadd ta' pakketti	Nru tal-lott
□ Konsumatur finali	Data tal-ġbir/tal-produzzjoni		Impjant tal-manifattura	Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MILK-RM**

Parti II: Ċertifikazzjoni	**II. Informazzjoni dwar is-Saħħa**	**II.a**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b**	**Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika [ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-ħalib mhux ipproċessat]

Jien, hawn taħt iffirmat, niddikjara li ninsab konxju tar-rekwiżiti relevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [A], tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [B], tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 [C] b'dan niċċertifika li l-ħalib mhux ipproċessat deskritt fil-Parti I ġie prodott f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

(a) ġej minn azjendi rreġistrati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u vverifikati f'konformità mal-Artikoli 49 u 50 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627;

(b) ġie prodott, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-iġjene stipulati fit-Taqsima IX, il-Kapitolu I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) jissodisfa l-kriterji tal-għadd tal-kolonji u tal-għadd taċ-ċelloli somatiċi stipulati fit-Taqsima IX, il-Kapitolu I, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) ġej minn annimali li jappartjenu għal merħliet ħielsa jew uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża u mit-tuberkuloża;

(e) il-garanziji fuq l-istatus tar-residwi tal-ħalib mhux ipproċessat ipprovduti mill-pjanijiet ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tar-residwi jew tas-sustanzi ppreżentati f'konformità mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE [D], huma ssodisfati u l-ħalib huwa elenkat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [E] għall-pajjiż tal-oriġini kkonċernat;

A Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

B Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 Dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

C Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

D Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

E Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MILK-RM**

	(f) skont it-testijiet għar-residwi tal-mediċini antibatteriċi mwettqa mill-operatur tan-negozju tal-ikel f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima IX, il-Kapitolu I, il-Parti III, il-punt 4, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jikkonforma mal-limiti massimi ta' residwi għar-residwi tal-prodotti mediċinali veterinarji antibatteriċi stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 [F]; (g) ġie prodott taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi għall-pestiċidi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [G], u mal-livelli massimi għall-kontaminanti stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 [H]. **II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali** [ħassar meta l-ħalib mhux ipproċessat ikun ġie derivat minn solipedi, leporidae jew mammiferi terrestri selvaġġi oħra għajr ungulati] Il-**ħalib mhux ipproċessat** deskritt fil-Parti I: II.2.1. inkiseb miż-**żona/i** bil-kodiċi/jiet: ……[(2)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat hija/huma awtorizzata/i għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat u elenkata/i fil-Parti 1 tal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 [I], u fejn il-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina ma ġewx irrapportati għal 12-il xahar qabel id-data tal-ħlib, u ma twettaqx tilqim kontra dan il-mard matul l-istess perjodu. II.2.2. inkiseb minn **annimali** tal-ispeċijiet [*Bos Taurus,*][(1)] [*Ovis aries,*][(1)] [*Capra hircus,*][(1)] [*Bubalus bubalis,*][(1)] [*Camelus dromedarius*][(1)] li baqgħu fiż-żona/i msemmija fil-punt II.2.1 sa mit-twelid, jew għal tal-anqas 3 xhur qabel id-data tal-ħlib.

[F] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1).

[G] Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

[H] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

[I] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tat-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MILK-RM**

II.2.3. inkiseb minn annimali li ġejjin minn **stabbilimenti**:

(a) irreġistrati minn u taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju u li għandhom sistema fis-seħħ sabiex iżommu u jaġġornaw rekords aġġornati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 [J];

(b) li jirċievu żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni ta', u ta' informazzjoni dwar, sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u mard emerġenti;

(c) li ma kinux soġġetti għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet tas-saħħa tal-annimali, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u mard emerġenti, fil-ħin tal-ħlib.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ħalib mhux ipproċessat, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tat-tali ħalib mhux ipproċessat.

Dan iċ-ċertifikat uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.8: Ipprovdi l-kodiċi taż-żona kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tad-dispaċċ.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.15: In-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni ta' ferrovija jew kontenitur u vettura tat-triq), in-numru tat-titjira (inġenju tal-ajru) jew l-isem (bastiment). Fil-każ tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid, il-konsenjatur irid jinforma lill-post ta' kontroll fuq il-fruntiera tad-dħul fl-Unjoni.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.19: Fil-każ ta' kontenituri jew ta' kaxxi, jenħtieġ li jiġi inkluż in-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (jekk applikabbli).

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) taħt l-intestaturi li ġejjin: 04.01; 04.02 jew 04.03.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27: Deskrizzjoni tal-kunsinna:

"*Impjant tal-manifattura*": Daħħal in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda/i tal-produzzjoni, taċ-ċentru tal-ġbir jew taċ-ċentru tal-istandardizzazzjoni approvat(a) għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea.

[J] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379)

PAJJIŻ **Mudell taċ-ċertifikat MILK-RM**

	Parti II: (1) Żomm kif meħtieġ. (2) Il-kodiċi taż-żona f'konformità mal-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. (3) għall-iffirmar minn: - veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma titħassarx - uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta titħassar il-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali
	[Veterinarju uffiċjali](1)(3)/[Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni](1)(3) Isem (b'ittri kbar) Data — Kwalifika u titolu Timbru — Firma

KAPITOLU 34

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' PRODOTTI TAL-ĦALIB MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM DERIVATI MINN ĦALIB MHUX IPPROĊESSAT JEW LI MHUMIEX MEĦTIEĠA LI JGĦADDU MINN TRATTAMENT SPEĊIFIKU GĦALL-MITIGAZZJONI TAR-RISKJU (MUDELL MILK-RMP/NT)

PAJJIŻ				**Ċertifikat tas-sahha tal-annimali/uffiċjali lill-UE**		
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż	Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat** **I.3 Awtorità Kompetenti Ċentrali** **I.4 Awtorità Kompetenti Lokali**	**I.2a Referenza tal-IMSOC** **KODIĊI QR**
